**RAPPORT ANNWALI 2023**
**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI, U D-DRITTIJIET TAT-TFAL**

**Indiċi** **Paġna**


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni ġenerali | 1 |
| Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | 1 |
| Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | 5 |
| Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjara u Osservanza | 16 |
| Unit għal Benefiċċji mhux Kontributorji | 17 |
| Unit għall-Osservanza tal-Benefiċċji | 24 |
| Direttorat għas-Servizzi Korporattivi | 26 |
| Id-Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni | 32 |
| Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni | 34 |
| Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Affarijiet Internazzjonali | 37 |
| Direttorat tal-Operat | 41 |
| Direttorat għall-Kordinament u l-Implimentazzjoni | 43 |
| Direttorat għall-Istrateġija dwar il-Pensjonijiet | 50 |
| Unità għall-Immaniġġjar tal-Informazzjoni | 53 |

## INTRODUZZJONI ĠENERALI

Il-viżjoni tal-Ministeru għall-Politika Soċjali, u d-Drittijiet tat-Tfal hija li jippromovi u jsostni l-ġustizzja u s-solidarjetà soċjali billi jipprovdi benefiċċji u servizzi soċjali lill-familji u persuni oħra eliġibbli għalihom. Fil-fatt, il-missjoni tal-Ministeru hija li jassigura kwalità ta' ħajja aħjar għas-soċjetà tagħna, partikolarment għall-familji u t-tfal, il-pensjonanti, benefiċjarji soċjali u persuni vulnerabbli oħra.

Il-Ministeru huwa kommess li jtejjeb il-benesseri soċjali u l-prospetti għall-ħajja tas-soċjetà tagħna b'mod ġenerali iżda partikolarment tal-persuni vulnerabbli. Huwa jfittex li jikseb dan billi kontinwament itejjeb il-provvedimenti tas-sigurtà soċjali u s-servizzi ta' ħarsien soċjali sabiex:

- Jipprovdi pensjonijiet u benefiċċji soċjali adegwati u sostenibbli lil min għandu bżonnhom jew ikkontribwixxa għalihom;
- Jipprovdi servizzi ta' ħarsien soċjali ta' kwalità waqt li jippromovi t-tisħiħ tal-familja;
- Jippromovi u jissalvagwardja l-ħarsien u d-drittijiet tat-tfal;
- jindirizza il-bżonnijiet soċjali kontinwi u emerġenti fil-pajjiż.

Dan kollu jsir permezz ta' tfassil ta' policies, miżuri u inizjattivi kontinwi u ħidma ma taqta' xejn mid-dipartimenti u d-direttorati tal-Ministeru.

## UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI

L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti[1] jmexxi u jissorvelja l-operat tal-Ministeru u jikkordina flimkien mal-kapijiet, ix-xogħol tad-dipartimenti fi ħdan il-ministeru kif ukoll l-entitajiet li jagħtu servizzi soċjali fil-kommunità, kif ukoll jipprovdi l-gwida meħtieġa fir-rigward. Hawnhekk qed jingħata elenku żgħir tal-ħidma kbira li wettaq dan l-uffiċċju fl-2023.

### Tfassil u implimentazzjoni tal-miżuri tal-Baġit u oħrajn

L-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti għandu sehem ewlieni fit-tfassil tal-pakkett ta' miżuri soċjali li jitħabbru fil-Baġit ta' kull sena. Direttament imexxi l-ħidma biex jiġu mressqa u stmati miżuri ġodda jew titjib fil-qafas tal-benefiċċji u servizzi soċjali u jieħu ħsieb jikkordina u jissorvelja t-twettiq ta' dawk il-miżuri li finalment ikunu approvati u mħabbra fid-diskors tal-baġit. Din il-ħidma ssir bl-għajnuna tal-MITA u bis-sehem tad-diversi dipartmenti fi ħdan il-ministeru.

[1] Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal kien ukoll responsabbli għall-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli. Huwa dam f'din il-kariga sat-13 ta' Settembru, 2023, peress li wara nħatar Segretarju Permanenti ġdid għall-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli. Parti mill-informazzjoni mogħtija taħt din is-sezzjoni tirreferi għal dan il-Ministeru wkoll.

Fl-2023 il-miżuri kienu jlaħħqu tlieta u għoxrin, li twettqu kollha, bil-maġġoranza tagħhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel kwart tas-sena. Dawn l-aktar kienu jwieżnu pensjonanti tas-sigurtà soċjali u tas-servizz, romol, persuni anzjani li ma jikkwalifikawx għal pensjoni, u familji bit-tfal.

Matul is-sena l-uffiċċju kien ukoll impenjat biex janalizza l-impatt tal-miżura li welldet benefiċċju ġdid intiż biex jgħin familji jilqgħu aħjar għall-ogħli tal-prezzijiet kawża tal-inflazzjoni. B'riżultat ta' din l-analiżi ssawru parametri ġodda bil-għan li mhux biss familji fil-faxxa ta' isfel tas-soċjetà jibbenefikaw, iżda wkoll dawk fil-faxxa tan-nofs. Il-mekkaniżmu aġġornat beda jitħaddem lejn l-aħħar tal-2023 u fil-fatt l-għadd ta' benefiċjarji kważi rdoppja.

**Inġustizzji tal-imgħoddi**

Bħala l-Ministeru fdat bit-twettiq tal-miżura biex jiġu indirizzati inġustizzji tal-imgħoddi, l-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti mexxa mill-ġdid il-proċess biex jitħallsu persuni eliġibbli, jew il-werrieta tagħhom, skont it-termini ta' żewġ skemi.

Skema minnhom tħaddmet għall-aħħar darba fl-2023 wara proċess li dam seba' snin. Din kienet miftuħa għal persuni li kienu fil-korpi tax-xogħol qabel l-1979 u wara daħlu jaħdmu fis-Servizz Pubbliku. B'kollox 3,000 persuna jew l-eredi tagħhom gawdew mill-iskema bi spiża globali ta' madwar €42.7 miljun.

It-tieni skema daħlet fil-ħames sena tagħha. Din taħseb għal dawk li wkoll kienu fil-korpi, iżda wara sabu impjieg fis-Settur Pubbliku, kif ukoll għal eks ħaddiema tal-Gas Board li ngħaqdu mal-Korporazzjoni Enemalta meta twaqqfet fl-1977. Mill-2023 bdiet tapplika wkoll għal grupp ta' eks ħaddiema li daħlu mal-Korporazzjoni Telemalta bejn Jannar tal-1978 u Jannar tal-1979.

**Rikonoxximent tal-impenn tal-impjegati**

Għall-ewwel darba, fuq l-inizjattiva tas-Segretarju Permanenti, saret skema biex tirrikonoxxi u tippremja l-kontribut ta' impjegati li jiddistingwu ruħhom fil-qadi ta' dmirijiethom fid-dipartmenti u taqsimiet kollha tal-ministeru, inkluż dawk fis-Settur Pubbliku. B'kollox kien hemm 82 sottomissjoni għal numru diversi ta' premijiet li ġew ippreżentati waqt serata f'Dar il-Mediterran f'Ġunju. Saret ukoll preżentazzjoni lill-impjegati li temmew il-karriera tagħhom fil-ministeru jew għalqu 35 sena jew aktar jaħdmu fil-qasam soċjali u lill-impjegati li bl-istudji tagħhom komplew jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom.

**Ħidma ma' għaqdiet volontarji u mhux governattivi**

Fit-twettiq tal-politika għal ħarsien soċjali, il-Ministeru jemmen fis-sehem li jistgħu joffru għaqdiet volontarji fis-soċjetà ċivili u jfittex li jaħdem id f'id magħhom billi jiffinanzja u jsostni proġetti u servizzi f'diversi oqsma soċjali.

Matul is-sena 2023, il-Ministeru kellu 34 ftehim soċjali ma' 25 għaqda volontarja li kienu jinvolvu nefqa ta' madwar €12-il miljun. It-twettiq u l-amministrazzjoni ta' dawn il-ftehim tmexxa mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti. Il-ħidma li ssir bis-saħħa ta' dawn il-ftehim tolqot diversi oqsma soċjali, fosthom dawk favur tfal u adolexxenti bi mġiba diffiċli; persuni li jbatu minn abbuż ta' sustanzi jew minn problemi ta' saħħa mentali; vittmi tal-vjolenza domestika; eks priġunieri; persuni bla dar fejn jgħixu; u familji li jeħtieġu għajnuna minħabba mard mentali.

**Mistoqsijiet Parlamentari**

L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti huwa inkarigat mill-kumpilazzjoni tal-informazzjoni għall-mistoqsijiet parlamentari li jiġu mistoqsija lill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, minn diversi Membri Parlamentari.

Fl-2023, l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti rċieva u ssottometta l-abbozz tat-tweġibiet għal 346 mistoqsija parlamentari, fuq diversi suġġetti, inkluż fost l-oħrajn dwar sigurtà soċjali, servizzi soċjali, drittijiet tat-tfal, familja, faqar u esklużjoni soċjali, politika dwar it-tfal, finanzi u procurement, riżorsi umani u suġġetti vasti oħra li jistaqsu dwarhom il-membri parlamentari minn żmien għal żmien.

**Kumitat għall-Awditjar Intern**

Rwol ieħor li huwa fdat bih l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti huwa l-kordinazzjoni tal-awditjar intern li jsir f'diversi dipartimenti u diviżjonijiet fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

Il-Kumitat għall-Awditjar Intern jaħdem fil-qrib kontinwament mal-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti sabiex jiġu identifikati oqsma partikolari li jimmeritaw li jiġu skrutinati permezz ta' awditjar.

Fl-2023, il-kumitat beda jaħdem fuq żewġ eżerċizzji li jinkludu: l-Operat tal-Overpayments Section fi ħdan id-Diviżjoni għal Għajnuna Finanzjarja u Osservanza, kif ukoll l-awditjar tal-Proċess ta' Rifużjoni tal-Benefiċċji ta' Diżimpjieg li pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea jitolbu minn Malta, fi ħdan il-Unit responsabbli mill-Affarijiet Internazzjonali fid-Direttorat għall-Kordinazzjoni u Implimentazzjoni. Dawn iż-żewġ eżerċizzji skattaw fl-2023 u se jiġu konklużi fl-ewwel kwart tal-2024.

**Komunikazzjoni u Marketing**

F'Settembru tal-2023, l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti beda jassumi rwol ieħor; dak ta' Komunikazzjoni u Marketing. Dan ir-rwol huwa speċifikament sabiex jiġu ppubliċizzati s-servizzi, l-miżuri u l-proġetti kollha li jsiru fil-Ministeru, lil hinn mil-lenti politika. Wara li twaqqaf Forum tal-Marketing mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, f'liema forum jieħu sehem ukoll l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, dan l-Uffiċċju stabbilixxa rwol komunikattiv u ta' marketing fi ħdanu. Għal dan il-għan, l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti beda jaħdem fuq diversi inizjattivi fosthom videos sabiex jippromovu d-diversi inizjattivi u miżuri li jittieħdu fir-rigward ta' benefiċċji soċjali u pensjonijiet, kif ukoll fuq videos li jippromovu b'mod partikolari l-edukazzjoni finanzjarja. L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti qiegħed jaħdem ukoll ma' influencers sabiex jinħoloq għarfien dwar il-policies li jirrigwardaw it-tfal u l-familji. L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti qed ikompli jaħdem fuq diversi inizjattivi bl-iskop li l-pubbliku jkun mgħarraf bis-servizzi li l-Ministeru għall-Poltika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal joffri, Il-pubbliċità tad-diversi servizzi u miżuri qed issir kemm permezz ta' diversi intervisti u interventi fuq diversi stazzjonijiet tat-televiżjoni u radju, iżda ukoll permezz tal-mezzi soċjali. F'Settembru tal-2023, l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti ħoloq paġna soċjali fuq Facebook, il-pjattaform X u LinkedIn bl-isem 'Servizzi u Benefiċċji Soċjali' sabiex jintlaħqu aktar nies li huma aktar attivi fuq il-mezzi soċjali. L-għan ta' din il-paġna huwa sabiex ikunu magħrufa l-inizjattivi kollha li l-Minsiteru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal joffri, u dan permezz ta' diversi posts informattivi, permezz ta' stories u reels, kif ukoll videos fuq suġġetti vasti mill-portafoll soċjali.

**Każijiet tal-Ombudsman**

Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal investiga dsatax-il (19) każ tal-Ombudsman fejn disà (9) każijiet ġew ikkunsidrati magħluqa mill-Uffiċċju tal-Ombudsman filwaqt li għad baqa' għaxar (10) każijiet pendenti għand l-istess Uffiċċju.

Il-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli investiga sitt (6) każijiet li waslu għand l-Ombudsman, fejn tlieta (3) huma kkunsidrati magħluqa u tlieta (3) oħra għadhom pendenti għand l-Uffiċċju tal-Ombudsman.

**Xogħol Amministrattiv fuq bordijiet**

L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti jikkordina wkoll il-ħatriet tad-diversi bordijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, kif ukoll dawk li kienu jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, li sat-13 ta' Settembru, 2023, kien għadu jaqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarju Permanenti ta' dan il-Ministeru. Dan l-Uffiċċju jmexxi wkoll l-eżerċizzju biex jiġu stabbiliti l-kategoriji u r-rati ta' remunerazzjoni dovuti lil membri tal-bordijiet skont il-qafas ta' regolamenti u termini maħruġa mill-Uffiċċju tal-Kabinett.

## DIPARTIMENT TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

**Spiża Benefiċċji Kontributorji**

**Tabella 1** **Benefiċċji Kontributorji**

| **Tip ta' Benefiċċju** | 2022 **Attwali** | 2023 **Attwali** | (+ jew -) |
|---|---|---|---|
| | **€** | **€** | |
| Pensjonijiet għall-Irtirar | 677,807,835 | 722,409,721 | 44,601,886 |
| Pensjonijiet għall-Invalidità | 18,512,151 | 18,761,192 | 249,041 |
| Pensjonijiet għar-Romol | 163,953,503 | 176,015,215 | 12,061,712 |
| Benefiċċji għal Korriment fuq ix-Xogħol | 1,658,246 | 1,525,748 | -132,498 |
| Benefiċċji għal Qgħad | 858,300 | 989,501 | 131,201 |
| Benefiċċji għal Maternità | 3,025,652 | 3,229,920 | -319,186 |
| Benefiċċji għal Mard | 6,272,310 | 5,747,264 | -525,046 |
| Allowance tal-Ltim | 45,678 | 31,887 | -13,791 |
| Għotja għaż-Żwieġ | 1,008,399 | 963,953 | -44,446 |
| Bonuses | 92,730,283 | 109,006,915 | 16,276,632 |
| TOTAL (1) | 965,872,357 | 1,038,681,316 | 72,808,959 |
| | **Benefiċċji Mhux Kontributorji** | | |
| Allowance għat-Tfal | 44,916,083 | 52,192,665 | 7,276,582 |
| Għotja għal Ċittadin Anzjan | 12,989,420 | 13,952,541 | |
| TOTAL (II) | 57,905,503 | 66,145,206 | 7,276,582 |
| **GRAND TOTAL (1) + (II) €** | **1,023,777,860** | **1,104,826,522** | **80,085,541** |

**Dħul mill-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali**

**Tabella 2**

| **Tip ta' Kontribuzzjoni** | **2022** | **2023** | **(+ jew -)** |
|---|---|---|---|
| | **Attwali**<br>€ | **Attwali**<br>€ | € |
| Kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi mis-Settur Privat | 671,719,201 | 719,380,612 | 47,661,411 |
| Kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi mis-Settur Pubbliku | 139,202,255 | 151,696,007 | 12,493,752 |
| Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi – Persuni li jaħdmu għal rashom/għalihom infushom | 61,401,484 | 64,483,893 | 3,082,409 |
| Kontribuzzjonijiet Addizzjonali | 4,822,046 | 3,765,563 | -1,056,483 |
| Kontribuzzjonijiet mill-Istat | 429,000,000 | 472,999,820 | 43,999,820 |
| **TOTAL** | **1,306,144,986** | **1,412,325,895** | **106,180,909** |

**Pensjonijiet Kontributorji**

Kompliet tidher il-konsistenza fil-persuni li qegħdin jircievu Pensjoni Kontributorja u dan jirrifletti fit-tabella iżjed 'l isfel fejn juri li matul is-sena 2023 kien hemm total ta' 100,966. Dan huwa riżultat ta' miżuri li ġew introdotti dawn l-aħħar snin relatati mal-Make Work Pay Policies, fejn persuni li daħlu fid-dinja tax-xogħol mhux biss ġew inċentivati, imma peress li ħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali waqt li kienu fl-impjieg, ġew ukoll eliġibbli għall-Pensjoni Kontributorja. Bħala riżultat tad-diskors tal-baġit għas-sena 2023, il-pensjonanti kollha ġew mogħtija żieda ta' €9.90 fil-ġimgħa minbarra ż-żieda tal-għoli tal-ħajja ta' €2.60 fil-ġimgħa u għalhekk il-pensjonanti kollha ħadu żieda totali ta' €12.50 fil-ġimgħa.

Bħal fis-snin preċedenti, id-dħul pensjonabbli massimu għal skopijiet ta' Sigurtà Soċjali ġie għal darb'oħra miżjud bl-ammont taż-żieda mogħti għall-għoli tal-ħajja sabiex laħaq l-ammont ta' €20,432.72.

| **Tip ta' Pensjoni** | **2022** | **2023** | **+ jew -** |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Irtirar | 4,912 | 3,905 | -1,007 |
| Pensjoni tal-Irtirar Miżjuda | 587 | 510 | -77 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali tal-Irtirar | 11,175 | 11,584 | 409 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali Mnaqqsa | 92 | 84 | -8 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Irtirar Miżjuda | 3,351 | 3,087 | -264 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pensjoni taż-Żewġ Terzi | 57,795 | 59,476 | 1,681 |
| Pensjoni tal-Invalidità | 107 | 99 | -8 |
| Pensjoni tal-Invalidità Miżjuda | 42 | 33 | -9 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità | 2,815 | 2,619 | -196 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità Mnaqqsa | 2 | 1 | -1 |
| Pensjoni għar-Romol li għandhom Pensjoni tas-Servizz | 210 | 196 | -14 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għar-Romol | 5,868 | 4,959 | -909 |
| Pensjoni ta' Superstiti (Early Survivor's) | 1,616 | 1,224 | -392 |
| Pensjoni ta' Superstiti | 12,622 | 13,189 | 567 |
| **TOTAL** | **101,194** | **100,966** | **-228** |
| **OĦRAJN** | | | |
| Pensjoni għall-Korriment fuq ix-Xogħol | 207 | 200 | -7 |
| Allowance tal-Orfni | 9 | 7 | -2 |
| **TOTAL** | **216** | **207** | **-9** |

**Pensjonanti ġodda**

Matul is-sena 2023, is-sezzjoni tal-pensjonijiet fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kompliet tipproċessa talbiet ġodda ta' pensjonijiet għall-irtirar, għar-romol u għall-invalidità. Fil-fatt, in-numru ta' pensjonanti ġodda li rċevew Pensjoni għal min Jirtira għall-ewwel darba fis-sena 2023 kien ta' 8,376. In-numru ta' pensjonanti ġodda li rċevew Pensjoni għar-Romol għall-ewwel darba fis-sena 2023 kien ta' 2,132, filwaqt illi n-numru ta' pensjonanti ġodda li rċevew Pensjoni għall-Invalidità għall-ewwel darba fis-sena 2023 kien ta' 456.

**Reviżjonijiet tal-Pensjoni**

Matul is-sena 2023 saru wkoll reviżjonijiet marbuta mal-pensjonijiet għall-Irtirar, għar-Romol u għall-Invalidità bis-saħħa tal-ftehim kollettivi għall-impjegati fis-Settur Pubbliku u tas-Settur Privat. Bis-saħħa ta' dawn ir-reviżjonijiet, 47,437 pensjonant ibbenefikaw minn żieda fir-rata tal-pensjoni kontributorja. Barra minn hekk, permezz tal-miżura tal-pensjonijiet tas-servizz saru wkoll reviżjonijiet sabiex jiġu injorati €200 għal kull sena mill-pensjoni tas-servizz. Sal-aħħar ta' 2023 kien hemm 7,028 pensjonant jibbenefikaw minn rata ogħla ta' pensjoni permezz ta' din il-miżura.

**Benefiċċji Short-term: Ipproċessar ta' talbiet ġodda**

Matul is-sena 2023, is-sezzjoni tal-Benefiċċji Short-erm (STB) f'Għawdex kompliet bl-ipproċessar ta' talbiet ġodda għall-Benefiċċji tal-Mard, Benefiċċji tal-Qgħad u Benefiċċju għal Korriment fuq ix-

Xogħol. It-tabella iżjed 'l isfel turi tnaqqis fin-numru ta' talbiet reġistrati fir-rigward ta' Benefiċċji għal Diżimpjieg u għal Benefiċċju Miżjud għal Dizimpjieg, filwaqt li kien hemm żieda għall-Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol, għall-Għotja għaż-Żwieġ u għal Benefiċċji għall-Mard.

Mis-sezzjoni tal-Back Office f'Għawdex, inħarġu wkoll Eżenzjonijiet ta' Ċertifikati għal Carer matul is-sena 2023 li ammontaw għal 352 ċertifikat. Minn dawn 346 ċertifikat ta' eżenzjoni nħareġ għal persuni anzjani li jimpjegaw carer, filwaqt li sitt (6) ċertifikati nħarġu għal persuni b'diżabbiltà.

**Benefiċċji *Short-Term***

| | **Numru ta' Talbiet** | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Benefiċċju** | **2022** | **2023** | **+ or -** |
| Benefiċċju tal-Mard | 90,433 | 78,518 | -11,915 |
| Benefiċċju għal Diżimpjieg | 2,108 | 2,281 | 173 |
| Benefiċċju Speċjali għal Diżimpjieg | 96 | 104 | 8 |
| Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol | 2,351 | 2,173 | -178 |
| Għotja taż-Żwieġ | 3,653 | 3,318 | -335 |
| **TOTAL** | **98,641** | **86,394** | **-12,247** |

| **Tip ta' Ċertifikat Mediku** | **2022** | **2023** | **+or -** |
|---|---|---|---|
| Bidu/Tmiem (anqas minn 4 ijiem) | 32,727 | 31,803 | -924 |
| Bidu/Tmiem (minn 4 sa 6 ijiem) | 42,905 | 34,705 | -8,200 |
| Bidu (Miftuħ) | 14,801 | 12,010 | -2,791 |
| Intermedju | 25,547 | 23,922 | -1,625 |
| Tmiem | 12,390 | 9,629 | -2,761 |
| **TOTAL** | **128,370** | **112,069** | **-16,301** |

**Skema ta' Ħlas ta' Arretrati ta' Kontribuzzjonijiet**

Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet Neqsin:

Matul is-sena 2023 daħlu total ta' 1,368 applikazzjoni biex jitħallsu arretrati ta' kontribuzzjonijiet skont l-iskema tal-Baġit 2015. Minn dawn ġew milqugħa 967 talba, filwaqt li 118-il applikazzjoni ġew miċħuda. Kien hemm ukoll 283 talba li rriżulta li l-ħlas ta' arretrati ta' kontribuzzjonijiet ma kienx se jagħmel differenza fir-rata tal-pensjoni.

Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet għal min kien jaħdem il-Libja

Matul is-sena 2022 daħlu żewġ (2) applikazzjonijiet li ntlaqgħu t-tnejn biex jitħallsu kontribuzzjonijiet ta' arretrati jew akkreditati ta' persuni li ħadmu fil-Libja skont l-iskema tal-Baġit 2019.

Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet għal min hu bil-Pensjoni tal-Invalidità

Matul is-sena 2023 daħlu 23 applikazzjoni biex jitħallsu kontribuzzjonijiet ta' arretrati jew akkreditati ta' persuni li kienu bil-Pensjoni tal-Invalidità skont l-iskema tal-Baġit 2022. Minn dawn ġew aċċettati 10, rifjutati ħamsa (5), u kien hemm tmien (8) applikazzjonijiet li ma kienet se tagħmlilhom l-ebda differenza fir-rata tal-pensjoni jekk jitħallsu xi arretrati.

Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet għal min qed jirċievi l-Allowance tal-Carers

Matul is-sena 2023 daħlu 29 applikazzjoni biex jitħallsu kontribuzzjonijiet ta' arretrati jew akkreditati ta' persuni li kienu qed jirċievu l-Allowance tal-Carers skont l-iskema tal-Baġit 2022. Minn dawn ġew aċċettati 20, rifjutati erba' (4), u kien hemm ħames (5) applikazzjonijiet li ma kienet se tagħmlilhom l-ebda differenza fir-rata tal-pensjoni jekk jitħallsu xi arretrati.

Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet għal dawk li kienu jidhru li kienu jaħdmu qabel l-1991 fuq ir-rekords ta' Jobsplus

Matul is-sena 2023 daħlu 15-il applikazzjoni biex jitħallsu kontribuzzjonijiet ta' arretrati jew akkreditati ta' persuni li r-rekords ta' Jobsplus juru li kienu jaħdmu qabel l-1991, skont l-iskema tal-Baġit 2022. Minn dawn ġew aċċettati 12, rifjutati tnejn (2), u kien hemm applikazzjoni waħda (1) li ma kienet se tagħmlilha l-ebda differenza fir-rata tal-pensjoni jekk jitħallsu xi arretrati.

**Allowances tat-Tfal u l-Benefiċċji oħra tal-Familja**: **Allowance għat-Tfal**

Is-sezzjoni tal-Allowance għat-Tfal f'Għawdex irrivediet ir-rata tal-każijiet li kienu qegħdin jitħallsu sabiex jiġu stabbiliti r-rati l-ġodda għall-Allowance għat-Tfal għas-sena benefiċjarja ġdida. Fl-2023 total ta' 32,910 benefiċjarju/a kienu mħallsa l-inqas rata (CAFR) permezz tal-proċess awtomizzat filwaqt li 11,630 benefiċjarju/a tħallsu rata bbażata fuq it-test tal-mezzi biex b'kollox tħallsu total ta' 44,540 benefiċjarju/a. Fil-fatt, it-tabelli iżjed 'l isfel, bħal fis-snin preċedenti juru tnaqqis fin-numru

ta' benefiċjarji li jitħallsu rata bbażata fuq it-test tal-mezzi filwaqt li juru żieda ta' benefiċjarji li qegħdin jirċievu l-inqas rata.

| **Numru ta' familji li bbenifikaw mill-Allowance għat-Tfal skont it-Test tal-Mezzi** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Allowance** | **2022** | **2023** | **(+ or -)** |
| (a) Allowance għat-Tfal biss: | | | |
| (i) Wild wieħed eliġibbli | 7,675 | 6,925 | -750 |
| (ii) Żewġ ulied eliġibbli | 3,985 | 3,502 | -483 |
| (iii) Tliet ulied eliġibbli | 1,038 | 919 | -119 |
| (iv) Erba' wlied jew iżjed eliġibbli | 316 | 284 | -32 |
| **TOTAL** | **13,014** | **11,630** | **-1,384** |

| **Numru ta' familji li bbenefikaw mill-inqas rata ta' Allowance għat-Tfal** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Allowance** | **2022** | **2023** | **(+ or -)** |
| (i) Wild wieħed eliġibbli | 16,632 | 17,790 | 1,158 |
| (ii) Żewġ ulied eliġibbli | 12,098 | 12,677 | 579 |
| (iii) Tliet ulied eliġibbli | 1,986 | 2,121 | 135 |
| (iv) Erba wlied jew iżjed eliġibbli | 295 | 322 | 27 |
| **TOTAL** | **31,011** | **32,910** | **1,899** |

**Benefiċċju tal-Maternità**

Matul is-sena 2023 waslu total ta' 812-il talba għal Benefiċċju tal-Maternità (MB) u tliet (3) talbiet kienu relatati ma' addozzjoni.

**Benefiċċju Leave tal-Maternità**

Matul l-istess sena, it-talbiet għall-Benefiċċju għal-Leave tal-Maternità (MLB) kien ta' 2,431 filwaqt illi ġew ipproċessati wkoll 16-il talba relatati ma' addozzjoni.

**Fond tal-Maternità (Maternity Trust Fund)**

Matul is-sena 2023, kien hemm 1, 502 talba online minn employers, li kienu awtorizzati biex jitħallsu lura l-pagi għal-Leave tal-Maternità li jkunu diġà ħallsu lill-impjegati tagħhom. Dawn iċ-ċifri juru żieda ta' 236 applikazzjoni fuq l-2022. Barra minn hekk b'effett tad-dħul fis-seħħ tal-miżuri ġodda tal-Work-Life Balance f'Awwissu 2022, fl-2023 daħlu wkoll 429 talba online mill-employers għal-Leave tal-Paternità; 109 talba għal-Leave tal-Ġenituri; kif ukoll talba waħda (1) għal-Leave tal-Fostering.

**Bonus għat-Twelid jew Addozzjoni**

Matul is-sena 2023 kellna 3,146 benefiċjarji li tħallsu l-Bonus għat-Twelid u 33 benefiċjarji li tħallsu l-Bonus għall-Addozzjoni.

**Allowance għal Tfal b'Diżabbiltà**

Kellna wkoll 560 applikazzjoni ġdida għal dan il-benefiċċju, u 393 minn dawn it-talbiet ġew aċċettati filwaqt illi 88 ġew rifjutati mill-Bord Mediku. Fl-aħħar tas-sena 2023 kien għad hemm 79 każ li kien għadu jrid jidher quddiem il-Bord Mediku. Matul l-istess sena kien hemm ukoll 221 talba minn benefiċjarji kurrenti sabiex issir reviżjoni mill-Bord Mediku. It-total ta' benefiċjarji tal-Allowance għal Tfal b'Diżabbiltà (DCA) sa tmiem is-sena 2023 kien ta' 2,346.

| **Numru ta' familji li jirċievi Allowance għal Tfal b'Diżabbiltà** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Benefiċċju** | **2022** | **2023** | **+ or -** |
| Allowance għal Tfal b'Diżabbiltà | 2,040 | 2,346 | 306 |
| **TOTAL** | 2,040 | 2,346 | 306 |

| **Numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Benefiċċju tal-Maternità u mill-Benefiċċju għal-Leave tal-Maternità** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Benefiċċju** | **2022** | **2023** | **+ or -** |
| Benefiċċju għal-Leave tal-Maternità<br><br>Benefiċċju tal-Maternità | 2,190<br><br>964 | 2,431<br><br>879 | 241<br><br>-85 |
| **TOTAL** | **3,154** | **3,301** | **147** |

**Foster Care Allowance**

Matul is-sena 2023 kien hemm 30 talba ġdida għal Allowance għall-Foster Care (FCA). It-total tal-benefiċjarji FCA għas-sena 2023 kien jammonta għal 206 kif ukoll kien hemm sitt (6)

idjar/istituzzjonijiet. Matul din is-sena kien hemm ukoll tmien (8) benefiċjarji li jirċievu l-Allowance għall-Foster Care bi tnaqqis gradwali (FCAT).

**Ħruġ ta' Ċertifikati U-1**

Bħala parti mir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar il-kordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (883/2004 u 987/2009), is-Sezzjoni tar-Rekords Kontributorji pprovdiet dokumenti U-1 tal-benefiċċju tal-qgħad lil ħaddiema barranin li jkunu għamlu perjodu ta' xogħol f'Malta. Fl-2023 inħarġu total ta' 2,306 ċertifikat U1 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-Qgħad). B'hekk tista' tiġi osservata żieda ta' 221 talba mill-2022. It-total ta' ċertifikati U-1 maħruġa jista' jitqabbel mas-sena ta' qabel skont it-tabella ta' hawn taħt:

| Formola | 2022 | 2023 |
|---|---|---|
| U1 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċju tal-Qgħad) | 2,085 | 2,306 |

**Ħruġ ta' Numri tas-Sigurtà Soċjali permezz tas-sistema online**

Matul l-2023, is-sezzjoni fit-taqsima tal-Back Office ta' Għawdex responsabbli fuq l-Applikazzjoni online għall-ħruġ ta' numri tas-Sigurtà Soċjali rċeviet 23,621 applikazzjoni u ħarġet total ta' 20,108 ċertifikat ta' reġistrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali ġdid. Il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet kienu mingħand persuni ta' nazzjonalità barranija. Kien hemm 3,513-il applikazzjonijiet li ġew rifjutati minħabba informazzjoni ħażina, numru tar-reġistrazzjoni eżistenti jew minħabba li t-talbiet ma ssodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà.

| Sena | Applikazzjonijiet online | Applikazzjonijiet rifjutati | Applikazzjonijiet ipproċessati |
|---|---|---|---|
| **2022** | 18,716 | 1,128 | 17,588 |
| **2023** | 23,621 | 3,513 | 20,108 |

**Servizz limitat minn ċerti kunsilli lokali**

L-għan ewlieni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali huwa li joffri kemm assistenza finanzjarja kif ukoll informazzjoni dwar dawk il-benefiċċji u pensjonijiet li jħallas id-Dipartment lill-komunità Maltija. Filwaqt li s-sena l-oħra s-servizz li kien jingħata minn dawk li kienu l-uffiċċji distrettwali kompla jingħata minn servizz.gov fin-nofstanhar ta' filgħodu; baqa' jingħata servizz mill-Kunsilli Lokali tal-Gudja nhar ta' Tnejn, minn dak ta' Birżebbuġa u l-Marsa nhar ta' Tlieta, kif ukoll minn tal-Mellieħa kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa. Minbarra dan is-servizz fejn persuna tista' tattendi fiżikament

biex tinqeda, tista' wkoll jew iċċempel freephone 153 jew inkella permezz ta' ittra elettronika lil kuntattdss@gov.mt

**Is-Sezzjoni tad-Data Audit Management and Processing**

Bħal kull sena, is-sezzjoni ġġenerat proċessi skont l-iskeda għal kull benefiċċju biex setgħu jinqabdu l-każijiet kollha li jkunu ġew maħduma jew assessjati minn kull sezzjoni fi ħdan il-Ministeru sabiex jinħareg il-pagament dovut. Barra minn pagamenti li jsiru kemm permezz ta' ċekkijiet kif ukoll pagament dirett fil-kont bankarju tal-benefiċjarju/a, is-sezzjoni ħarġet ukoll korrispondenza li jew tkun indirizzata lill-benefiċjarju/a jew inkella biex tavża lill-pubbliku b'xi informazzjoni jew inċentivi relatati mal-baġit.

Ta' min isemmi li matul is-sena 2023 kompla l-isforz sabiex aktar benefiċjarji jitħallsu permezz ta' pagement dirett fil-kont bankarju fejn in-numru ta' ċekkijiet kompla jonqos minn dak tas-sena ta' qabel. It-tabella ta' hawn taħt tindika l-ammonti globali ta' pagamenti u korrispondenza li nħarġu fis-sena 2023 imqabbla mas-sena preċedenti:

| | **Ammont** | | **Valur** | |
|---|---|---|---|---|
| | **2022** | **2023** | **2022** | **2023** |
| Total ta'ċekkijiet maħruġa | 79,790 | 47,937 | €29,064,542.04 | €13,011,649.68 |
| Total ta' pagamenti bankarji | 1,901,907 | 2,154,081 | €1,115,702,129.09 | €1,255,242,102.64 |
| Total ta' pagamenti lill-istituzzjonijiet | | | €46,977,402.72 | €50,140,522.55 |
| Total ta' pagamenti f'Home Care | 6,445 | 7,023 | €28,907.12 | €30,425.65 |
| Total ta' korrispondenza maħruġa | 909,189 | 865,883 | | |
| Total ta' ittra FEAD | 8,099 | 7,911 | | |
| Total ta' ittra SFFD | 37,558 | 45,924 | | |
| Total ta' ittra informattiva dwar il-Baġit | 125,532 | 107,413 | | |
| Total ta' ittra ACRT_SMS | 20,001 | 822 | | |

**Proċessar ta' applikazzjonijiet**

Fis-sena 2023 inħarġu 289 notifika għall-pensjoni tar-romol u 4,306 notifiki għal dawk li jkunu waslu biex jilħqu l-età pensjonabbli tagħhom, sabiex japplikaw għall-pensjoni tal-irtirar.

**Statistika**

Is-Sezzjoni pprovdiet ukoll statistika relatata ma' mistoqsijiet parlamentari jew biex tgħin fid-deċiżjonijiet marbuta mal-baġit kif ukoll statistika fuq benefiċċju\i partikolari matul is-sena.

Statistika oħra li kontinwament tintalab hija l-qalba tal-pagamenti marbuta mal-benefiċċju minn ċekkijiet għall-pagamenti bankarji.

**Appelli lill-Arbitru**

Din it-tabella turi n-numru ta' appelli li daħlu u nstemgħu anke aktar minn darba fis-sena 2023 meta kkomparati mas-sena ta' qabel.

| **Appelli** | | **2022** | **2023** |
|---|---|---|---|
| A. Numru ta' appelli għas-smigħ | | | |
| (i) | Miġjuba mis-sena ta' qabel | 707 | 486* |
| (ii) | Differit | | 163 |
| (iii) | Appelli mibgħuta din is-sena | 807 | 719$ |
| B. Numru ta' appelli deċiżi | | | |
| (i) | Deċiżi kontra l-appellant | 250 | 308 |
| (ii) | Deċiżi favur l-appellant | 71 | 109 |
| (iii) | Irtirati mill-appellant | 269 | 189 |
| (iv) | Ikkanċellati | 35 | 13 |
| (v) | Revokati mid-Dipartiment | 198 | 158 |
| (vi) | Differiti | 160 | |
| (vii) | Sine Die | 31 | 12 |
| (viii) | Eżawriti/Respinti/Deżert | 56 | 16 |
| **Appelli Pendenti** | | **444** | **563** |

*inklużi appelli relatati mal-Pensjoni tal-Invalidità

*inklużi appelli relatati mal-Pensjoni tal-Invalidità – inkorporati fi statistika waħda

*inklużi l-appelli pendenti kemm dawk differiti kif ukoll appell li għadhom ma nstemgħux

**Għotja għall-Anzjani**

Ta' kull sena, id-Dipartiment jipproċessa l-Għotja għall-Anzjani għal dawk il-persuni li għandhom 'il fuq minn 75 sena u li għadhom jgħixu fil-komunità jew inkella huma residenti f'xi dar tal-anzjani fejn l-anzjani jkunu qegħdin iħallsu għalihom infushom.

Ir-rata applikabbli hi ta' €300 fis-sena għal min għandu 'l fuq minn 75 sena filwaqt li dawk li għandhom 'il fuq minn 80 sena jitħallsu €400 fis-sena.

Matul is-sena 2023 kien hemm 39,980 anzjan jew anzjana li bbenefikaw minn din l-għotja, fejn bejniethom tħallsu l-ammont ta' €13,952,541. Min jilħaq l-età matul is-sena, jitħallas pro-rata.

**Bonus Kontribuzzjonijiet Nieqsa**

Persuni li jkunu laħqu l-età tal-pensjoni imma ma jikkwalifikawx għal pensjoni kontributorja għax ma ħallsux biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, jitħallsu bonus darba f'sena. Ir-rata applikabbli hi ta' €450 fis-sena għal min ħallas anqas minn ħames (5) snin ta' kontribuzzjonijiet, filwaqt li dawk li ħallsu aktar minn Ħames (5) snin, tħallsu €550 fis-sena, b'żieda ta' €50 mis-sena ta' qabel rispettivament. Matul is-sena 2023, kien hemm 13,431 persuna li bbenefikat minn dan il-bonus fejn bejniethom tħallsu l-ammont ta' €6,642,990. Min jilħaq l-età pensjonabbli matul is-sena, jitħallas prorata.

**Għotjiet ta' Darba**

Għal darb'oħra, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali pproċessa l-applikazzjonijiet u l-pagamenti skont l-iskemi ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern datata 28 ta' April, 2023, għal dawk li: (i) kienu impjegati f'xi dipartimenti tal-Gvern, f'xi korporazzjoni jew entità fis-Settur Pubbliku wara li għamlu xi żmien iservu f'wieħed mill-korpi tax-xogħol imwaqqfa qabel l-1979; (ii) kienu impjegati mal-Gas Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-Korporazzjoni Enemalta u (iii) kienu apprentisti mal-Malta Electricity Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-Korporazzjoni Enemalta.

In-numru ta' benefiċjarji mħallsa fis-sena 2023 skont l-iskemi kif imħabbra fil-Gazzetta tal-Gvern kien ta' 4,775 fejn bejniethom tħallsu s-somma ta' €8,329,553.65.

**Staff**

Matul is-sena 2023, in-numru tal-impjegati fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, inklużi staff mill-IPSL u ERL, kien skont din it-tabella ta' hawn taħt:

| | **31.12.2023** |
|---|---|
| Gradi fis-Servizz Ġenerali | 116 |
| Industrijali/Messaġġiera | 14 |
| RSSL | 9 |

| | |
|---|---|
| ERL | 3 |
| **Total** | **142** |

## DIVIŻJONI GĦALL-GĦAJNUNA FINANZJARA U OSSERVANZA

**Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet**

Lejn l-aħħar tas-sena 2019 inħatar Direttur Ġenerali bir-responsabbiltajiet tiegħu ikopru l-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza (ISCD), filwaqt li d-Direttur responsabbli mill-Osservanza ta' Benefiċċji ngħata r-responsabbiltajiet ukoll tal-Benefiċċji mhux Kontributorji. Għaldaqstant, dan id-Direttorat beda jġib l-isem ta' Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet (ISID).

**Benefiċċju Soċjali relatat mal-pandemija tal-Covid-19**

Wara li matul is-snin 2020 u 2021, id-Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza kienet ġiet fdata ir-responsabbiltà tmexxi l-proċeduri meħtieġa sabiex jitħallsu l-benefiċċji soċjali temporanji relatati mal-pandemija tal-Covid-19, matul is-snin 2022 u 2023 sar xogħol sabiex jinġabru ħlasijiet li ma kinux dovuti f'wieħed mill-benefiċċji mnedija. Benefiċjarji li ma kinux eliġibbli għal dawn il-benefiċċji ntalbu jħallsu lura l-ammont ta' €477,192 li minnhom inġabru lura l-ammont ta' €427,425.

**In-Work Benefit Unit**

Matul is-sena 2022, ir-responsabbiltà ta' din it-taqsima għaddiet għand id-Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza. Din ir-responsabbiltà għaddiet fi żmien illi tħabbru miżuri ta' titjib permezz tal-Baġit 2022. Il-miżuri ffukaw fuq twessigħ konsiderevoli ta' dħul minn xogħol li jiġi meħud inkonsiderazzjoni għal kalkolu ta' ħlas lill-ġenituri bi tfal taħt it-tlieta u għoxrin sena.

- Għal koppji fejn it-tnejn jaħdmu, il-limitu tad-dħul żdied minn €35,000 għal €50,000 fis-sena;
- Għal koppji fejn wieħed mill-ġenituri jaħdem, il-limitu tad-dħul żdied minn €26,000 għal €35,000 fis-sena;
- Għal ġenituri waħidhom li jaħdmu, il-limitu tad-dħul żdied minn €23,000 għal €35,000 fis-sena.

Sabiex aktar ġenituri jiġu eliġibbli għal dan il-benefiċċju, minħabba li studji varji kienu qed juru illi diversi ġenituri ma kinux qegħdin japplikaw, tnedew diskussjonijiet mal-Kummissarju tat-Taxxi u l-MITA. Dawn id-diskussjonijiet wasslu sabiex id-Diviżjoni jkollha stampa ta' min jista' jkun eliġibbli u għaldaqstant tinħoloq struttura ta' ħlas awtomatiku mingħajr ma wieħed ikollu għalfejn japplika.

Din is-sistema teknoloġika wasslet sabiex in-numru ta' benefiċjarji żdiedu minn 8,640 matul is-sena 2021 għal 24,700 matul is-sena 2023.

## UNIT GĦAL BENEFIĊĊJI MHUX KONTRIBUTORJI

**Miżuri ġodda fil-Benefiċċji mhux Kontributorji 2023**

**Żieda tal-Għoli tal-Ħajja**

Persuni li jirċievu Pensjoni tal-Età mhux Kontributorja u kif ukoll persuni li jirċievu Assistenza għal Diżabbiltà Severa u Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta li jilħqu l-età ta' sittin (60) sena, raw żieda fil-pensjoni tagħhom ta' €9.90 fil-ġimgħa bħala Għoli tal-Ħajja u kif ukoll €2.60 fil-ġimgħa, sabiex gawdew minn żieda sħiħa ta' €12.50 fil-ġimgħa.

**Għotja għal Carer**

Bi tkomplija mar-riforma fil-benefiċċji tal-carers, minn Jannar 2021 ġie introdott benefiċċju ġdid għall-ġenituri li ma jkollhomx possibbiltà li jaħdmu biex jieħdu ħsieb wild b'diżabbiltà fl-età ta' aktar minn 16-il sena u l-wild ikun intitolat għall-Assistenza Miżjuda għal Diżabbiltà Severa. Il-benefiċċju, bl-isem ta' Għotja għal Carer, beda jitħallas fl-ammont ta' €300 fis-sena fl-2021 u €500 fis-sena fl-2022. Minn Jannar 2023, il-pagament tal-Għotja għal Carer żdied minn €500 għal €4,510 fis-sena sabiex beda jitħallas fl-ekwivalenti ta' nofs il-paga minima nazzjonali netta.

**Tapering tal-Benefiċċji Soċjali**

Minn Jannar 2023, l-inċentiv tat-Tapering tal-Benefiċċji, li jgawdu minnu persuni li jkunu jirċievu Għajnuna Soċjali u jidħlu fid-dinja tax-xogħol, ġie mtejjeb billi r-rati żdiedu b'10%. B'hekk, fl-ewwel sena tax-xogħol il-benefiċċjarju jibqa' jirċievi 75% tal-benefiċju, 55% tal-benefiċċju fit-tieni sena u 35% tal-benefiċċju fit-tielet sena.

**Għajnuniet Soċjali**

Sas-sena 2021, persuni benefiċjarji tal-Għajnuniet Soċjali kienu jirċievu żewġ terzi tal-għoli tal-ħajja mħabbra mill-Gvern. Sa minn Jannar 2022 u tkompliet matul is-sena 2023, dawk fuq l-Assistenzi Soċjali bdew jieħdu ż-żieda sħiħa għall-ogħli tal-ħajja flok żewġ terzi taż-żieda tal-ogħli tal-ħajja. Persuni bla indirizz fiss bdew jingħataw l-Għajnuna Soċjali taħt skrutinju professjonali.

**Allowance għal Carers u Assistenza Soċjali**

Persuni waħedhom li jkunu jgħixu għal rashom fuq l-assistenza soċjali u jmorru jgħixu ma' qarib anzjan biex jieħdu ħsiebu, jekk jikkwalifikaw għall-Allowance għal Carers mhux miżjuda, sas-sena 2022 kienu jesperjenzaw tnaqqis fid-dħul tagħhom. Dan jiġri minħabba li ma kinux meqjusa bħala l-kap tal-familja. Mill-1 ta' Jannar, 2023, ġie introdott tibdil li bih dawn il-persuni xorta jibqgħu jirċievu l-istess ammont ta' benefiċċju li kienu jirċievu qabel.

**Allowance għal Carers/Allowance Miżjuda għal Carers**

Bis-saħħa tar-riforma fl-2017, matul l-aħħar snin tneħħa t-test tal-mezzi u ngħata d-dritt għall-Allowances għal Carers għall-persuni miżżewġa. Dan id-dritt kien estiż ukoll għal min ikun f'unjoni ċivili jew koabitazzjoni reġistrata. Minħabba li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn persuni li jkunu jgħixu flimkien ikollhom restrizzjonijiet legali sabiex jirreġistraw il-koabitazzjoni tagħhom, ġie introdott tibdil sabiex persuni li jkun ippruvat li ilhom jgħixu flimkien bħala koppja għal mill-anqas 10 snin, ikunu meqjusa bħala li jgħixu f'koabitazzjoni u għalhekk jistgħu jibdew jikkwalifikaw għall-Allowances għal Carers.

**Għajnuna Medika**

Minn Jannar 2023, persuni li ma jkunux f'impjieg u li jkunu jirċievu l-benefiċċju kontributorju tal-Mard jew tal-Qgħad jistgħu jiġu intitolati għall-Assitenza għal Mard (SKA) jekk jissodisfaw it-test tal-mezzi tal-Għajnuna għal Mard. F'dawn il-każijiet id-dħul li jkun ġej mill-Benefiċċju tal-Mard jew tal-Qgħad beda jiġi injorat għall-finijiet ta' test tal-mezzi fl-Għajnuna Medika.

**Miżuri Addizjonali**

Matul is-sena 2020 inbdew diskussjonijiet mal-Uffiċċju tas-CIO (MSPC) u kif ukoll mal-MITA sabiex issir qabża ta' kwalità min-naħa tat-teknoloġija tal-informatika. Dawn id-diskussjonijiet, li komplew anke matul is-snin 2021, 2022 u 2023 jiffukaw sabiex jiġu mibnija web-services u l-informazzjoni li jkollhom bżonn l-uffiċjali fi ħdan it-Taqsimiet tal-Benefiċċji mhux Kontributorji u l-Osservanza tal-Benefiċċji, tkun aċċessibbli minnufih mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li jitolbu l-informazzjoni. B'hekk ix-xogħol fuq l-applikazzjonijiet jitħaffef, jiġi simplifikat u aktar effiċjenti. Ix-xogħol fuq dawn il-web-services miexi b'ritmu mgħaġġel u tnieda web-service mal-entità Jobsplus u web-services ma' entitajiet oħrajn waslu biex jitnedew.

Barra minn hekk, il-Unit tal-Benefiċċji mhux Kontributorji u l-Unit tal-Business Intelligence, għall-ewwel darba bdew jikkomunikaw dirett mal-applikanti, f'każ ta' dokumenti nieqsa mill-applikazzjoni sottomessa u mhux jgħaddu l-file lill-hub reġjonali ta' servizz.gov, sabiex jintalbu dawn id-dokumenti nieqsa. Dan qiegħed isir permezz ta' pjattaforma virtwali li ġiet mibnija flimkien ma' stakeholders oħrajn bħall-MITA u l-Uffiċċju tas-CIO. Id-diskussjonijet mal-uffiċjali ta' servizz.gov issoktaw sabiex aktar servizzi jiġu simplifikati għall-benefiċċju tan-nies.

Tkompla x-xogħol ukoll fuq is-sistema virtwali tal-Unit tal-Benefiċċji mhux Kontributorji, il-Unit tal-Osservanza tal-Benefiċċji, il-Unit tal-In-Work Benefit, il-Unit tal-Għajnuna Supplimentari u l-Unit tal-Benefiċċju tal-Enerġija.

Il-Unit li tieħu ħsieb il-ħlasijiet żejda (overpayments) beda proċess ġdid fuq notifiki lil dawk il-persuni li jkollhom ammonti dovuti pendenti mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Kull sitt xhur qiegħda tintbagħat ittra ta' informazzjoni, fejn l-individwu jiġi mgħarraf kemm kien l-ammont oriġinali u kemm baqagħlu jħallas.

**Business Intelligence Unit u Single Means Testing fi ħdan id-Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza**

Id-Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza tieħu bis-serjetà l-evalwazzjonijiet li jintbagħtu minn żmien għal żmien mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali. Għaldaqstant, fi Frar tal-2016 tnediet il-Business Intelligence Unit sabiex b'kollaborazzjoni mat-Tax Compliance Unit jibdew jiġu evalwati l-applikazzjonijiet ġodda li jirċievi dan id-Direttorat. Din is-sistema preventiva qiegħda sservi sabiex jiġi evitat frodi potenzjali fil-fażi inizjali tal-applikazzjoni u mhux wara li l-persuna tkun ingħatat il-benefiċċju konċernat.

Matul is-sena 2023 din il-Unit ġiet imsaħħa u kompla x-xogħol b'mod kontinwu u utli. Għaldaqstant qiegħda tiġi riprodotta tabella li tagħti stampa ċara tan-numru ta' applikazzjonijiet li ġew skrutinizzati għall-perijodu minn Jannar sa Diċembru 2023.

| Benefiċċju | Applikazzjonijiet Ġodda/ Każijiet oħra | Total |
|---|---|---|
| Pensjoni tal-Età | Applikazzjonijiet Ġodda | 263 |
| | Każijiet oħra | 13 |
| Għajnuna Soċjali | Applikazzjonijiet Ġodda | 548 |
| | Każijiet oħra | 15 |
| Għajnuna Soċjali (ġenitur single) | Applikazzjonijiet Ġodda | 410 |
| | Każijiet oħra | 1 |
| Assistenza fuq abbuż minn stuperfaċenti | Applikazzjonijiet Ġodda | 0 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| Assistenza għal Persuni b'Vista Batuta | Applikazzjonijiet Ġodda | 0 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| Subsidiary Unemployment Assistance | Applikazzjonijiet Ġodda | 442 |

| | | |
|---|---|---|
| | Każijiet oħra | 0 |
| Assistenza għal Carers | Applikazzjonijiet Ġodda | 0 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| Assistenza Miżjuda għal Carers | Applikazzjonijiet Ġodda | 0 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| Għajnuna għal Mard | Applikazzjonijiet Ġodda | 818 |
| | Każijiet oħra | 9 |
| Għotja tal-Ħalib | Applikazzjonijiet Ġodda | 32 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| Assistenza għal Diżabbiltà Severa | Applikazzjonijiet Ġodda | 0 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| Assistenza għal Diżabbiltà | Applikazzjonijiet Ġodda | 0 |
| | Każijiet oħra | 0 |
| UA /UAT | Applikazzjonijiet Ġodda | 346 |
| | Każijiet oħra | 5 |
| **Total** | | **2,902** |

Il-Unit li tirrelata ma' testijiet tal-mezzi bdiet l-operat tagħha matul Lulju 2019, wara li ġie appuntat Assistent Direttur, u l-ewwel funzjonijiet kienu illi tiġi żviluppata sistema teknoloġika fuq SABSWeb sabiex jibdew jiġu evalwati l-benefiċjarji tas-Sigurtà Soċjali mil-lenti ta' livelli ta' bżonn. Din is-sistema teknoloġika tnediet u qiegħda taħdem. Matul is-snin 2020 sal-2023 saru diversi laqgħat ma' partijiet interessati rilevanti u kif ukoll bdiet titħaddem is-sistema teknoloġika fuq WebSABS sabiex jiġu studjati d-diversi xejriet tas-soċjetà u dan bil-għan li jibqgħu jiġu mtejba u msaħħa l-benefiċċji soċjali. Matul is-sena 2023 id-Diviżjoni kompliet tevalwa statistiki varji minn din is-sistema sabiex stajna nieħdu sehem f'laqgħat imnedija minn fora Ewropej li jirrelataw mal-evalwazzjoni tal-Minimum Income Schemes fl-Unjoni Ewropea u kif ukoll sabiex jiġi evalwat il-mekkaniżmu tal-COLA addizzjonali jew kif inhu issa riferut Benefiċċju għall-Ogħli tal-Ħajja.

**Skema tal-Pensjonijiet/Assistenzi għal Diżabbiltà u Allowance għal Carers mhux Kontributorji**

In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Pensjoni tal-Età mhux Kontributorja naqsu b'4% matul is-sena 2023 fuq is-sena 2022. Dan it-tnaqqis kontinwu, innutat matul l-aħħar tmien (8) snin, jindika illi aktar persuni qegħdin ikunu eliġibbli għall-Pensjonijiet Kontributorji milli għall-Pensjonijiet mhux Kontributorji.

Il-miżura introdotta fil-Baġit 2015, fejn persuni b'diżabbiltà setgħu jibbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabbiltà Severa/Vista Batuta u l-paga minn xogħol ma tiġix magħduda fit-test tal-mezzi, kompliet iżżid pożittivament in-numru ta' benefiċjarji . Matul is-sena 2022, it-test tal-mezzi tneħħa kompletament fir-rigward tal-assistenzi kollha għal diżabbiltà. Dan flimkien mal-introduzzjoni ta' xi diżabbilitajiet oħra li ġew miżjuda fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Fil-fatt, in-numru ta' benefiċjarji tal-Assistenza għal Diżabbiltà Severa u l-Assistenza għal persuni b'Vista Batuta matul is-sena 2023 żdiedu bi 2% fuq is-sena 2022.

Matul is-sena 2017 tnediet riforma fl-Assistenzi għal Diżabbiltà, u f'dan ir-rigward ġew introdotti żewġ assistenzi ġodda. L-introduzzjoni tal-Assistenza Miżjuda għal Diżabbiltà Severa kienet suċċess u f'dan ir-rigward bdew jibbenefikaw minnha 243 benefiċċjarju matul is-sena 2017. Fl-2020, din l-assistenza kompliet tiġi riformata fejn kif imwiegħed bdiet titħallas bl-ekwivalenti għall-Paga Minima Nazzjonali netta. Matul is-sena 2023, 956 persuna bbenefikat minn din l-assistenza, żieda ta' 2% fuq is-sena 2022. Iż-żieda ta' persuni jibbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabbiltà matul is-sena 2023 kienet ta' 17%.

Is-sena 2017 introduċiet riforma fl-allowances għal carers, fejn ġiet introdotta l-Allowance Miżjuda għal Carer b'parametri aktar vantaġġjużi sew għal carer u kif ukoll għall-pazjent. L-Allowance Miżjuda għal Carer issostitwiet dik li qabel konna nsejħulha Pensjoni tal-Wens. In-numru ta' benefiċjarji f'din ix-xorta ta' allowance mis-sena 2022 għas-sena 2023 baqa' fl-istess livelli.

Is-sena 2019 rat it-tkomplija tar-riforma fl-Allowance għal Carer, fejn ġie eliminat il-kalkolu tat-test tal-mezzi. Fil-fatt, din il-miżura mill-ewwel tat il-frott għaliex ġiet riversa t-tendenza tat-tnaqqis ta' benefiċjarji fis-snin preċedenti. Matul is-sena 2023, in-numru ta' benefiċjarji kompla jiżdied bi 15% fuq is-sena 2022.

| Tip ta' Pensjoni/Allowance/Assistenza | 2022 | 2023 | + or - |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Età | 4,316 | 4,146 | -170 |
| Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta | 431 | 428 | -3 |
| Assistenza għal Diżabbiltà Severa | 3,945 | 4,044 | 99 |
| Assistenza Miżjuda għal Diżabbiltà Severa | 940 | 956 | 16 |
| Assistenza għal Diżabbiltà | 353 | 414 | 61 |
| Allowance Miżjuda għal Carer | 1,520 | 1,507 | -13 |
| Allowance għal Carer | 421 | 486 | 65 |
| **TOTAL** | **11,926** | **11,981** | **55** |

**Għajnuna Soċjali, Għajnuna għal Mard, Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji u Għajnuna Supplimentari**

Wara li esperjenzajna tnaqqis drastiku fin-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg matul is-snin 2015/2016/2017/2018/2019 u żdied ftit fl-2020, matul is-snin 2021, 2022 u 2023 in-numru ta' benefiċjarji reġa' beda jonqos. Matul is-sena 2023 in-numru ta' benefiċjarji naqsu b'20% fuq is-sena 2022. Fost raġunijiet oħra, bħar-reżiljenza tal-ekonomija u l-miżuri li ġew introdotti

mill-Gvern f'oqsma diversi, il-politika tal-'Making Work Pay' kompliet issaħħaħ dan is-settur u għalhekk in-nies jirreġistraw għax-xogħol kompla jonqos.

Għat-tmien sena konsekuttiva, wara l-esperjenza pożittiva tas-snin 2015 sa 2022 fejn in-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuna Soċjali kien naqas b'mod drastiku, din it-tendenza ta' tnaqqis baqgħet tiġi sostnuta wkoll matul is-sena 2023. U dan minkejja l-effetti tal-pandemija tal-Covid-19 matul is-snin 2020 u 2021. Fil-fatt, il-benefiċjarji tal-Għajnuna Soċjali matul is-sena 2023 naqsu b'5% fuq is-sena 2022. Bħalma ġie mfisser fil-paragrafu ta' qabel, dan it-tnaqqis huwa parti minnu dovut għall-introduzzjoni u t-tisħiħ tal-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji f'Baġits suċċessivi. L-introduzzjoni tal-In-Work Benefit huwa fattur ieħor li wassal għal dan it-tnaqqis pożittiv.

In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuniet għal Mard matul is-sena 2023 naqqsu b'4% fuq is-sena 2022. Filwaqt illi l-benefiċjarji tal-Għajnuna Supplimentari matul is-sena 2023 naqsu bi ftit aktar minn 2% fuq is-sena 2022. Matul is-sena 2023, il-Unit kompliet ukoll bl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-Benefiċċju tal-Enerġija fejn daħlu total ta' 764 applikazzjoni ġdida, li ġew evalwati fejn it-tnaqqis relattiv kien direttament magħmul minn kontijiet tal-ARMS Ltd. Minn dan in-numru ta' applikazjonijiet ġodda, 559 kienu eliġibbli u 205 kienu miċħuda. Tajjeb jingħad illi l-Unit responsabbli mill-Benefiċċju tal-Enerġija pproċessat 84,013-il pagament matul is-sena 2023.

Is-Subsidiary Unemployment Assistance tingħata lil dawk il-persuni li jitolbu l-ażil u jingħataw l-istatus ta' Protezzjoni Sussidjarja. Dan il-benefiċċju jissejjaħ core benefit skont l-Avviżi Legali fir-rigward. Matul Novembru tas-sena 2014 kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-benefiċjarji ta' din ix-xorta ta' assistenza jibdew jitħallsu taħt benefit type Subsidiary Unemployment Assistance. In-numru ta' benefiċċarji matul is-sena 2023 żdiedu bi 12% fuq is-sena 2022. Din iż-żieda rreġistrata b'seħħ mis-sena 2022, hija attribwita minħabba li Malta bdiet tħaddem direttiva tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' persuni mill-Ukrajna li fittxew rifuġju f'Malta u għandhom fil-pussess tagħhom ċertifikat ta' protezzjoni temporanja.

L-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji ġiet introdotta matul is-sena 2014, u kompliet tiġi msaħħa matul is-sena 2015. Iż-żieda fil-benefiċjarji li rajna mis-sena 2014 għas-sena 2015 kienet nota pożittiva għaliex dan fisser illi l-persuni li bdew jibbenefikaw minn din l-iskema bdew jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol u għalhekk ma baqgħux jiddependu mill-benefiċċji soċjali. In-numru ta' benefiċjarji matul is-sena 2016 kompla jesperjenza żieda ta' 32% fuq is-sena 2015. Barra minn hekk, in-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2017 kompla jiżdied b'16% fuq is-sena 2016. Is-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 irritornaw tnaqqis ta' 3%, 22%, 26%, 19%, 8% u 19% għal dawn is-snin konsekuttivi. Dan it-tnaqqis flimkien mat-tnaqqis fil-benefiċjarji tal-Għajnuna Soċjali jikkonferma r-riżultati ta' diversi studji fejn il-maġġoranza ta' persuni li tterminaw it-tliet snin ta' ħlas ta' benefiċċju żammew l-impjieg

tagħhom u ma reġgħux irrikorrew għal xi xorta ta' benefiċċju soċjali. Dawn iż-żidiet qegħdin isaħħu l-argument tal-prinċipju 'Making Work Pay'.

| Tip ta' Benefiċċju Soċjali | 2022 | 2023 | +or- |
|---|---|---|---|
| Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg | 543 | 435 | -108 |
| Għajnuna Soċjali* | 6,690 | 6,370 | -320 |
| Għajnuna għal Mard | 11,284 | 10.828 | -456 |
| Għotja għal Ħalib | 54 | 47 | -7 |
| Għajnuna dwar il-Lebbra | 18 | 15 | -3 |
| Għajnuna dwar it-Tuberkolożsi | 1 | 1 | 0 |
| Għajnuna Supplimentari | 22,055 | 21,549 | -506 |
| Subsidiary Unemployment Assistance | 1,593 | 1,787 | 194 |
| Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji | 1,495 | 1,213 | -282 |
| **TOTAL** | **43,733** | **42,245** | **-1,488** |

* Għajnuna Soċjali tfisser SA/SUP/DAD

**Statistika ta' każijiet li għaddew mis-sezzjonijiet tal-Unit Benefiċċji mhux Kontributorji**



## UNIT GĦALL-OSSERVANZA TAL-BENEFIĊĊJI

Il-Unit għall-Osservanza tal-Benefiċċji (BCU) fi ħdan id-Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet (ISID) huwa fdat bir-responsabbilità li jinvestiga kull rapport fejn jiġi allegat li hemm nuqqas ta' osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji soċjali, imħallsa taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap.318).

Il-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji juża r-riżorsi kollha tiegħu biex jinvestiga fid-dettall kull rapport li jirċievi fejn hu allegat nuqqas ta' osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji soċjali u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq dak li jkun sab wara li jkun investiga l-każ sew.

F'każijiet fejn l-eżitu tar-Rapport Investigattiv ikun li l-benefiċjarju/a mhux qiegħed/qiegħda, fil-fehma tal-Unit, jitħallas/titħallas skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, ir-rapporti bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, jiġu mgħoddija lid-Direttur Ġenerali (ISC) u lid-Direttur Ġenerali (SS) biex il-Bord imniedi minnhom jiddeċiedi x'għandu jsir f'kull każ. Id-DSS wara li jwettaq ħidmietu fuq dawn il-każijiet jirreferi lura r-riżultat ta' kull każ lill-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji.

### Sorsi ta' Informazzjoni

Bħal fis-snin li għaddew, ir-rapporti ta' każijiet fejn hu allegat li m'hemmx osservanza fit-teħid ta' benefiċċji soċjali skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jaslu għand il-BCU b'diversi mezzi u minn diversi sorsi, fosthom mingħand il-pubbliku, mill-uffiċċji ta' servizz.gov u minn uffiċjali fi ħdan id-DSS. Il-pubbliku huwa konxju tal-operat effettiv tal-BCU u għaldaqstant kompla sena wara sena jissottometti numru ta' rapporti, li l-parti l-kbira minnhom ikunu anonimi. Dawn ir-rapporti jaslu fil-Unit l-iktar permezz tat-telefown, inkluż il-freephone (80072345), permezz tal-indirizz elettroniku (benefitscompliance@gov.mt), permezz ta' ittri u ta' midja oħra. Il-paġna tal-internet tal-BCU tipprovdi wkoll il-faċilità lil min ikun jixtieq jissottometti rapport għall-investigazzjoni online kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, u ttih l-għażla li jekk jixtieq jista' jibqa' anonimu. Dan il-Unit jagħmel ukoll użu mill-informazzjoni finanzjarja li tiġi mtellgħa fuq is-Sistema Amministrattiva Benefiċċji Soċjali (SABS) li hija sistema kompjuterizzata operata mid-DSS. Din l-informazzjoni li tinkiseb minn istituzzjonijiet finanzjarji lokali tintuża biex il-BCU jsegwi mill-qrib l-iżvilupp li jkun hemm f'kull każ fejn il-benefiċjarji ta' benefiċċji mhux kontributorji jkollhom kapital li jeċċedi t-test tal-mezzi.

### Kordinazzjoni

Matul is-sena 2023, il-BCU kompla jsaħħaħ l-operat tiegħu billi kkordina ma' numru ta' dipartimenti u entitajiet governattivi kif ukoll mas-settur privat sabiex jiġbor kull informazzjoni li tkun ikkunsidrata kruċjali biex jiġu konklużi l-investigazzjonijiet tiegħu. Kompla jaħdem ukoll fuq inizjattivi biex jidentifika sorsi oħra ta' fejn jista' jkun hemm nuqqas ta' osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Matul l-2023, il-BCU kompla jinvestiga każijiet ta'

benefiċjarji  li jirċievu benefiċċji mhux kontributorji fir-rigward ta' dħul minn interessi li jeċċedu l-iskala skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap.318), każijiet ta' persuni li jkunu jirċievu xi wieħed mill-Allowances għal Carers, sabiex jiġi assigurat il-benesseri tal-pazjent u kif ukoll investigazzjonijiet spontanji fir-rigward ta' benefiċjarji  ta' assistenzi mhux kontributorji oħra.

**Operat**

Il-BCU, permezz tal-Ispettorat tiegħu wettaq 516-il spezzjoni fuq is-sit matul is-sena 2023. Mill-ispezzjonijiet fuq is-sit u mill-investigazzjonijiet kollha magħmula minn dan il-Unit, 729 każ ġew konklużi matul din l-istess sena.  Mill-każijiet kollha investigati matul l-istess perjodu, instab li 221 każ kienu mħallsa skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318).

Il-BCU għamel rakkomandazzjonijiet fuq 508 każijiet fejn irriżulta li ma kienx hemm osservanza fil-ħlas tal-benefiċċji skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, sabiex dawn jiġu sospiżi jew riveduti skont il-każ u sabiex kull ħlas li kien imħallas żejjed jinġabar lura. Sal-aħħar ta' Diċembru 2023, il-BCU kien irċieva jew ġabar informazzjoni sħiħa jew parzjali mingħand id-DSS fuq 894 każ li kienu jkopru 1,153 benefiċċju soċjali (ara t-tabella).  Uħud minn dawn il-każijiet kellhom iktar minn benefiċċju wieħed li kien qed jiġi mħallas.

Mill-informazzjoni li l-BCU irċieva jew ġabar mingħand id-DSS fuq każijiet li kienu ġew investigati minnu, huwa stmat li matul is-sena 2023 ġew iffrankati €5,965,273.

| **Benefiċċji li ma kinux imħallsa skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali** | |
|---|---|
| Pensjoni tal-Invalidità | 6 |
| Allowance Supplimentari | 28 |
| Allowance tat-Tfal | 62 |
| Suppliment tat-Tfal | 0 |
| Assistenza għall-Mard | 337 |
| Assistenza Soċjali | 128 |
| Assistenza għall-Qgħad | 21 |
| Pensjoni tal-Età | 137 |
| Assistenza Soċjali – Ġenitur Singlu | 83 |
| Allowance għal Carers/Allowance Miżjuda għal Carers | 8 |
| Assistenzi għal Diżabbiltá | 52 |
| Benefiċċju Speċjali tal-Qgħad | 3 |
| Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji | 3 |
| Benefiċċju għall-Enerġija | 47 |

| | |
|---|---|
| Assistenza għall-Qgħad Sussidjarja | 230 |
| In-work Benefit | 9 |
| Pensjonijiet Kontributorji | 2 |
| **Total** | **1,153** |

Sal-aħħar tas-sena 2023, il-BCU kien għad baqagħlu 106 każijiet għall-investigazzjoni jew biex jiġu konklużi.

Huwa stmat li matul il-perjodu 2006 (meta kien twaqqaf oriġinarjament id-Direttorat) u s-sena 2023, il-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji, permezz tal-operat tiegħu, għen biex ġew iffrankati madwar **€70,183,712.**

*NOTA: Mit-382 każ li ġew investigati internament bħala inizjattivi ġodda, irriżulta li f'296 każ minnhom ma kienx hemm osservanza fil-ħlas tal-benefiċċji skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

**Unit għall-Ġbir ta' Benefiċċji Mħallsa Żejda**

Is-Sezzjoni inkarigata mix-xogħol sabiex jinġabru ħlasijiet ta' benefiċċji żejda matul is-sena 2023 kompliet issegwi u tirkupra pagamenti żejda jew pendenti mill-benefiċjarji debituri varji. Twettaq ukoll xogħol meħtieġ fir-Reġistru Pubbliku biex jinstabu testmenti u werrieta tad-debituri mejtin. Debituri li jaslu għal ftehim li jħallsu d-dejn b'rati fix-xahar huma wkoll segwiti perjodikament.

Matul l-2022, is-sezzjoni bagħtet 13,840 ittra ta' intimazzjoni, wettqet 361 tfittxijiet fir-Reġistru Pubbliku u min-Nutar Pubbliku u 602 causa mortis mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Is-sezzjoni kienet responsabbli għall-irkupru ta' €530,507.700 u s-somma addizzjonali ta' €441,965.26 tħallsu online.

## DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI KORPORATTIVI

Id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi jinkorpora t-Taqsimiet tar-Riżorsi Umani, Kuntratti u Xiri u Amministrazzjoni. Dan id-Direttorat sas-sena l-oħra kien jaqdi żewġ ministeri, jiġifieri l-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u l-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli. Ta' min jgħid li sa Novembru dan id-Direttorat kien għadu jieħu ħsieb ukoll it-Taqsima tal-Finanzi. F'Novembru ġiet appuntata Direttur għall-Governanza Finanzjarja u Ppjanar. Għaldaqstant, it-Taqsima tal-Finanzi mxiet taħt dan id-Direttorat.

**It-Taqsima tar-Riżorsi Umani**

It-Taqsima tar-Riżorsi Umani hi ċ-ċentru ta' kull attività relatata mar-riżorsa umana u people management. Fost oħrajn tipprovdi sapport u pariri lis-Segretarju Permanenti, lid-dipartimenti u direttorati, organizzazzjonijiet u entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u dawk li jaqgħu fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.

Matul din is-sena t-Taqsima assistiet b'mod regolari klijenti interni u esterni billi pprovdiet sapport u informazzjoni fuq firxa wiesgħa ta' materji relatati mar-Riżorsa Umana jew People Management u skont kif mitlub u ggwidat mill-amministrazzjoni ċentrali. Kienet l-ewwel punt ta' riferenza kemm fuq mistoqsijiet dwar regoli u miżuri skont il-ħtieġa filwaqt li baqgħet dejjem tħares il-benesseri tal-ħaddiema skont proċeduri, protokolli, linji gwida u struzzjonijiet maħruġa mill-People and Standards Division. Il-viżjoni tat-Taqsima hi li tixpruna policies u prattiki ta' Riżorsa Umana li jippromovu l-benesseri tal-impjegati u li ttejjeb l-effiċjenza u s-servizzi mogħtija mill-impjegati u lill-impjegati filwaqt li taderixxi ruħha mal-linji gwida u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien u tippromovi l-ugwaljanza fost il-ħaddiema li jaqgħu taħt id-dekasteru biex tersaq kemm jista' jkun lejn Servizz ta' Eċċellenza skont l-Istrateġija għall-5 snin għas-Servizz Pubbliku mfassla fl-2021.

**Reklutaġġ**

Minħabba l-iżvilupp kontinwu tas-setgħat delegati fil-proċessi tar-reklutaġġ, it-Taqsima baqgħet issostni, testendi l-għajnuna u tikkordina skont kif mitlub jew meħtieġ bl-aħjar mod anke billi titlob pariri jew linji gwida minn awtoritajiet kompetenti biex jiġu mħarsa policies u regolamenti maħruġa b'mod ċentrali. Tul l-2023 kien hemm 13-il sejħa għall-mili ta' vakanzi. Dawn kienu maqsuma hekk:

- 11-il sejħa interna
- 2 sejħiet esterni
-

B'mod intern, it-Taqsima tat is-sapport meħtieġ lid-direttorati u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru tul il-proċess kollu biex jimtlew il-vakanzi eżistenti. Fost dawn wieħed isemmi is-sapport u sostenn mogħti fit-twaqqif ta' taqsimiet ad hoc u fil-pariri mil-lat ta' People Management fejn kien hemm bżonn ristrutturar tal-operat jew fejn kien hemm assorbiment ta' funzjoni minn Direttorat biex jiġi massimizzat l-aqwa użu tar-riżorsa umana kemm għal fini ta' operat u anke tal-inqas infiq possibbli. L-istess sapport ingħata b'mod professjonali lill-bordijiet tal-għażla. L-istess sostenn ingħata wkoll lill-istituzzjonijiet ta' sorveljanza bħall-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u l-P&SD meta u fejn meħtieġ imma l-aktar waqt awditjar ta' proċessi tal-għażla.

Ma' dawn wieħed irid iżid il-proċess segwit f'każ ta' ingaġġ ta' persuni f'pożizzjoni ta' fiduċja li jirrikjedi kemm kollaborazzjoni intra kif ukoll interministerjali. It-Taqsima qieset li l-parametri u l-proċessi jkunu segwiti. Dan biex il-proċess ikun konformi mal-policy li tirregola tali ingaġġ kif ukoll dak tas-segretarjat privat fil-ministeri li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tad-Direttorat.

Fil-każ ta' promozzjonijiet u progressjonijiet, it-Taqsima kkollaborat bis-sħiħ kemm b'mod ċentrali mal-P&SD, kif ukoll b'mod intern biex l-impjegati fid-dekasteru kemm jista' jkun jieħdu dak li ħaqqhom fil-ħin anke fid-dawl ta' Direttiva 8. Tul l-2023 kien hemm 10 progressjonijiet ipproċessati. Tul l-2021 sar proċess rigoruż biex wieħed jaderixxi ma' miżura li daħlet fis-seħħ fl-2016 biex promozzjonijiet li ngħataw lil membri tal-istaff li kienu diġà fuq l-ogħla punt fl-iskala ta' salarju tal-grad il-ġdid jieħdu 'progressjoni' għal skala ogħla skont f'dak l-arranġament. Minn din il-miżura bbenefikaw 25 persuna. Ma' dawn wieħed irid iżid li nbdew numru ta' proċessi oħra li ma jkunux ġew magħluqa minħabba li d-dokumentazzjoni ma tkunx inġabret kollha anke għaliex tali proċessi ma jinbdewx qabel il-progressjoni jkun imissa ssir. Wieħed irid iżomm f'moħħu li lejn l-aħħar tal-2022 saru diversi ħatriet fil-gradi tal-General Service u li bħala tali jkun imisshom konferma fl-appointment wara li jiskadi ż-żmien ta' prova. Dan kien jammonta għal 49 persuma.

It-Taqsima ħadet ħsieb il-proċess tal-għażla billi wara li jiġi ppubblikat ir-riżultat ta' sejħa għall-applikazzjonijiet skont kif delegat, toħroġ l-ittra tal-ħatra applikabbli skont is-sejħa biex tkun konformi mar-regolamenti speċjalment fejn jidħlu time-frames u skont il-parametri ta' reklutaġġ kif stabbiliti. Minn dawn kien hemm disa' (9) li jinqasmu kif ġej:

- Erba' (4) fil-gradi maniġerjali
- Wieħed (1) fis-servizz ġenerali
- Erba' (4) fuq sejħiet maħruġa fl-2022 u li ġew konklużi fl-2023

**Rekords**

It-Taqsima hi responsabbli ukoll għaż-żamma tar-rekords tal-impjegati. Dawn jinkludu l-aġġornar tar-rekords tal-attendenza ta' madwar 435 impjegat tal-MSPC u 27 impjegat tal-MSAA ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-miżuri favur il-bilanċ bejn xogħol u familja/ħajja skont policies interni u ċentrali, assistenza fl-ipproċessar tal-Performance Appraisals, li jintlaqgħu applikazzjonijiet b'rispons għal sejħiet u x-xogħol kollu anness skont kif spjegat fl-SOP, l-aġġornar tal-Personal Records Sheets, l-aġġornar u l-ħruġ tar-rekords tas-servizz (GP 47) kif suppost u fil-ħin skont linji gwida ġodda u l-ipproċċessar u l-kumpilazzjoni ta' informazzjoni meħtieġa għal tweġibiet parlamentari fost l-oħrajn. Wieħed irid iżid hawnhekk il-miżura ġdida tar-remote working u tibdil fl-ipproċessar tat-teleworking. Tul l-2022 is-sezzjoni rat li kemm jista' jkun jintemm il-proċess ta' telework u jidħol fis-seħħ mingħajr skossi l-kunċett ta' remote working biex meta f'Marzu 2023 ma jibqax fis-seħħ il-kunċett ta' telework

issir il-bidla mingħajr dewmien u konsegwenzi mhux mixtieqa fuq l-impjegat. Fil-bidu dan kien ifisser monitoraġġ rett ta' min ikun lesta t-taħriġ jew le. Tali informazzjoni tinżamm b'mod kunfidenzjali kif meħtieġ imma li hi aċċessibbli għall-membri tal-istaff li jeħtieġ jaħdem b'din l-informazzjoni. Il-prinċipju ta' kunfidenzjalità hu meqjus bħala wieħed mill-aktar importanti fil-twettiq tad-dmirijiet tal-istaff fi ħdan it-Taqsima. It-Taqsima tieħu ħsieb tipproċessa u tikkordina talbiet għal trasferimenti skont kif delegat. Fl-2023 kien hemm total ta' 11-il transfer imqassmin kif ġej

- Transfers lejn MSPC – 9
- Transfers barra MSPC – 2
-

Ma' dawn wieħed irid iżid li kien hemm numru ta' trasferimenti intraministerjali li jirriżultaw minħabba talbiet personali jew minħabba ristrutturar u esiġenzi tas-servizz jew minħabba t-trasferiment ta' funzjoni minn dipartiment għall-ieħor kif imsemmi aktar 'il fuq imma tali ċaqliq jiġi rrekordjat kemm minħabba rekords, charging ta' salarji fil-punt korrett, performance appraisals u kontabbiltà.

Jiġu pproċessati wkoll talbiet għall-estenzjoni tas-Servizz wara l-età tal-irtirar skont UPM 9/2018.

Wieħed irid jikkunsidra wkoll in-numru ta' studenti li jkunu qed igawdu minn espożizzjoni għad-dinja tax-xogħol fix-xhur tas-sajf skont skema mħaddma mill-Ministeru għall-Edukazzjoni.
Saru wkoll żewġ exit interviews: waħda fid-9 ta' Marzu, 2023, u l-oħra fit-8 ta' Ġunju, 2023.

**Dixxiplina**

It-Taqsima hi inkarigata wkoll mill-amministrazzjoni ta' proċeduri tad-dixxiplina. Sa fejn possibli issir emfasi fuq people management b'mod professjonali billi titrawwem kultura ta' prattiki tajba u titqajjem kuxjenza dwar il-ħarsien ta' proċeduri u regolamenti. Proċeduri dixxiplinarji jittieħdu skont parametri u regolamenti stabbiliti mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skont direttiva 11. It-Taqsima tassisti wkoll lid-dipartimenti u direttorati fi ħdan il-Ministeru biex dawn ir-regolamenti jiġu mħarsa u segwita skont kif stipulat u taġixxi skont linji gwida li jiġu trażmessi fuq każijiet jew sitwazzjonijiet partikolari. Hawnhekk ta' min wieħed isemmi r-rappurtar skont kif mitlub mir-regolamenti permezz ta' sistema online u l-aġġornar tal-membri rtirati li jistgħu jservu fuq bordijiet ta' dixxiplina wara li dawn ikunu ġew approvati li jagħmlu dan skont kif mitlub mir-regolamenti.

**Salarji u ħlas dovut lill-impjegati**

Funzjoni importanti oħra fir-responsabbiltà tad-Direttorat hi l-ipproċessar, il-komputazzjoni u l-immaniġġjar tad-data tal-impjegati fuq il-payroll. It-Taqsima ġabret ukoll informazzjoni varja u ħadmet fuq diversi mistoqsijiet parlamentari konnessi mal-ħlas tal-impjegati msemmija. Dan ix-xogħol dejjem sar professjonalment, b'mod effiċjenti u effikaċi u b'konformità mad-Direttiva 8. Dan kien jirrikjedi

kordinazzjoni bejn dawk involuti fiż-żamma tar-rekords u dawk min-naħa tas-Salarji biex l-informazzjoni tkun reali u eżatt minn kull lat.

Xogħol ieħor ta' importanza kbira li jitwettaq minn dan l-Uffiċċju hu l-aġġornament tal-Personal Record Sheets (PRSs) b'mod elettroniku. Kull PRS tiġi aġġustata b'kull ċaqliq fid-data u r-remunerazzjoni tal-ħaddiema. Rekords oħra bħal databases tal-allowances ġew ukoll kontinwament aġġornati anke minħabba compliance wara eżerċizzju ta' awditjar kif imsemmi aktar 'il fuq. It-Taqsima tara kif tkun proattiva kemm jista' jkun u timbarka fuq kompiti biex tkun konformi ma' kull aġġornament li nkunu infurmati bih.

Din it-Taqsima żammet ukoll kuntatt u ħadmet mill-qrib mat-Taqsima tal-Finanzi ta' dan il-Ministeru. Inżammet mgħarrfa u aġġornata bil-komputazzjoni tal-ħlas tal-pagi, bin-nefqa fl-allowances, overtime, bonuses, taxxa, bolla u kull remunerazzjoni oħra.

Ix-xogħol ta' din it-Taqsima sar fi sfond ta' kordinament kontinwu mat-Teżor f'Għawdex u mat-Taqsima Ċentrali tas-Salarji tal-Gvern fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Dan kien element kruċjali fil-ħidma ta' din it-Taqsima u serva biex l-aġġustamenti u emendi fil-pagi ħarġu korretti u kemm jista' jkun fil-ħin.

**Taħriġ u żvilupp**

It-Taqsima kompliet tinkoraġġixxi kultura ta' tisħiħ fl-organizzazzjoni mibnija fuq taħriġ u żvilupp billi tiffaċilita aċċess għal programmi ta' taħriġ u skont il-programm offrut mill-Istitut għas-Servizz Pubbliku. Fejn possibbli anke b'mod intern fit-Taqsima saru inizjattivi bħal 'train the trainer' u 'sharing of best practices u brainstorming aqpproaches' biex ikun massimizzat il-benefiċċju tat-taħriġ li jingħata. Fuq inizjattiva interna wara r-rapporti ta' Awditjar ta' Proċessi ta' Għażla ttieħdet l-azzjoni biex jitfasslu sessjonijiet ta' informazzjoni u taħriġ għaċ-Chairpersons li jservu fuq tali bordijiet. Hemm il-ħsieb biex tali sessjonijiet isiru fuq materji oħra relatati ma' proċeduri oħrajn tul-2024.

Wieħed irid isemmi wkoll il-parteċipazzjoni sħiħa tal-istaff f'seminars jew fora skont kif meħtieġ. Ewlieni fosthom hu l-kumitat li qed jieħu ħsieb id-diġitilizzazzjoni tal-Pensjoni tas-Servizz (GP 61) mil-lat ta' Riżorsa Umana imma anke fejn wieħed jaqsam esperjenzi li ltajna magħhom f'networking ma' ministeri oħra.

**Employee Support Programme**

Tul l-2023, it-Taqsima kompliet tippromovi dan is-servizz kull meta nħasset il-ħtieġa jew kull meta seta' jkun identifikat li dan seta' jkun ta' benefiċċju għal individwi jew grupp ta' individwi. Il-pandemija ġabet sfidi kbar u ġodda u kien inkorraġġut l-użu tas-servizz kif mogħti mill-ESP b'mod online.

Għalkemm l-istaff tat-Taqsima ma kienx involut direttament f'inizjattivi li ttieħdu fi ħdan dan il-grupp, jagħraf il-bżonn li proġetti bħal dawn ikunu utillizzati kemm għall-benefiċċju tal-individwu u anke tal-organizzazzjoni, u għaldaqstant kompla sa fejn jista' jippromovi l-benefiċċju li dan il-programm jestendi lejn min jagħmel użu minnu.

**Taqsima Kuntratti u Xiri**

Din it-taqsima ħadmet biex jinħarġu u jingħataw diversi kuntratti/stimi u jinxtraw oġġetti u servizzi għaż-żewġ ministeri u kif ukoll dipartimenti fi ħdan il-Ministeru, kif u meta kien il-bżonn.

It-tabella ta' hawn taħt tindika n-numru ta' xogħlijiet li saru mit-Taqsima fl-2023:

| **Deskrizzjoni** | **Ammont 2023** |
|---|---|
| Carriage tad-dipartimenti kollha | 745 |
| Kuntratti dipartimentali | 3 |
| Kuntratti tad-Dipartiment tal-Kuntratti | 0 |
| Stimi | 40 |
| LPOs bis-CFMS | 160 |
| Stampar u talbiet oħra relatati | 19 |
| Talbiet b'ittra elettronika għall-istokk | 857 |
| Talbiet għall-istokk ta' kull erba' xhur | 30 |
| Timbri | 50 |

Saru wkoll seba' (7) talbiet lid-Dipartiment tal-Kuntratti b'riferenza taċ-Cirkularijiet 2/2023 u 8/2023 maħruġa mill-istess Dipartiment dwar 'Claims for Increase in Price of Commodities in Public Contracts Involving Supplies'.

Dan l-uffiċċju ħadem ukoll mas-Sezzjoni tal-Kordinazzjoni u Implimentazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fuq vetturi elettriċi li għandhom jissostitiwixxu l-karrozzi tal-Ministeru li jaħdmu bil-fuel. Bdew ukoll preparazzjonijiet għall-electric pillars.

Barra minn hekk komplew ix-xogħlijiet fuq ir-ristrutturar tal-uffiċini ta' Triq Melita.

**Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti**

Fl-2023 kien hemm 21 laqgħa tal-Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti. Hawnhekk ittieħdu deċiżjoni fuq għotjiet, kanċellazzjonijiet jew deċiżjonijiet oħra fuq tenders li ħarġu minn dipartimenti u entitajiet tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, mill-Awtorità tad-Djar, mill-Social Project

Management Ltd, mill-Ministeru tal-Akkomodazzjoni Soċjali u kif ukoll mill-Ministeru tal-Anzjanità Attiva, jiġifieri minn San Vinċenz de Paule, mill-Anzjanità Attiva u Servizzi fil-Komunità u l-Awtorità tal-Mediċini.

**Xogħol ieħor**

Fuq talba tal-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni, dan l-uffiċċju ħa ħsieb sabiex joħorġu l-EPC Certificates tal-binjiet tal-uffiċini li jaqgħu taħt l-MSPC u kif ukoll fuq il-binjiet tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru.

F'Mejju l-uffiċċju ntalab sabiex jassisti fir-reklutaġġ mal-Fondazzjoni għal Housing Affordabbli. Għaldaqstant l-uffiċċju tkellem mat-Taqsima tal-IRU fi ħdan il-People and Standards Division biex jiġi ggwidat fir-reklutaġġ għal din il-Fondazzjoni.  Din il-laqgħa saret fis-26 ta' Ġunju.

Fis-27 ta' Ġunju l-uffiċċju kien infurmat mill-Ministeru għall-Finanzi li Malita Investments Co ser tibda taqa' taħt il-portafoll tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali.

## ID-DIRETTORAT TAL-FINANZI U AMMINISTRAZZJONI

Matul is-sena 2023 id-Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal kompla jamministra l-fondi pprovduti taħt il-voti tiegħu u għadda numru ta' pagamenti li jkopru spejjeż ta' natura rikorrenti u kapitali, programmi u inizjattivi, kif ukoll dawk relatati ma' proġetti kofinanzjati mill-UE. Id-Direttorat ipproċessa wkoll kontribuzzjonijiet favur l-entitajiet tal-Ministeru prinċipalment lill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), lill-Uffiċċju għall-Kummissarju tat-Tfal, lill-Bord ta' Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri (MCRB), u lill-Bord Nazzjonali Konsultattiv dwar il-Vizzji. Dawn il-pagamenti jiġu pproċessati wara li jiġu approvati l-Financial Statements mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol. Barra minn hekk, numru ta' pagamenti ġew proċessati wkoll permezz ta' skedi minn u lejn dipartimenti oħra.

Id-Direttorat ipprovda wkoll l-għajnuna neċessarja fir-rigward ta' oqsma finanzjarji li jikkonċernaw lil diversi dipartimenti, uffiċċji, diviżjonijiet, direttorati u entitajiet li jaqgħu taħt il-kappa ta' dan il-Ministeru. Apparti dan, id-Direttorat jieħu ħsieb ukoll jissottometti diversi rapporti u sottomissjonijiet lill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, u lit-Teżor. Fost dawn ir-rapporti kien hemm dawk li juru l-kontijiet bankarji, accruals, kredituri, spiża kapitali u rikorrenti. Id-Direttorat huwa wkoll responsabbli li jikkonsolida l-baġit tal-Ministeru wara li kull dipartiment u entità li jaqgħu taħt il-Ministeru jressqu l-Baġit tagħhom, sabiex imbagħad ikun mgħoddi lid-Direttur Ġenerali tal-Finanzi għall-approvazzjoni. Minbarra dan, id-Direttorat jikkordina mal-Uffiċju tal-Baġit taħt il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol sabiex iġib iktar fondi f'każ ta' bżonn.

Dan id-Direttorat kellu wkoll rwol vitali biex jassisti direttorati oħra fi ħdan il-Ministeru f'awditjar u l-mistoqsijiet mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u d-Direttorat ta' Azzjoni ta' Governanza fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. L-għarfien espert tad-Direttorat fi kwistjonijiet finanzjarji kien valur imprezzabbli biex jiżgura li l-kwistjonijiet finanzjarji kollha jiġu ttrattati f'konformità mal-politiki u r-regolamenti tal-Gvern. Il-ħidma mill-qrib ma' direttorati oħra biex tkun provduta informazzjoni f'waqtha u preċiża kienet prijorità, għaliex kienet ukoll tippermettilhom li jirrispondu malajr kemm jista' jkun għal kwalunkwe mistoqsija jew tħassib imqajma mill-awdituri.

B'mod ġenerali, l-inizjattiva tal-ipproċessar tal-ħlasijiet tat-taqsima tal-Finanzi rriżultat f'titjib sinifikanti fl-effiċjenza u l-effettività finanzjarja tad-Direttorat. Is-suċċess tad-Direttorat biex jassisti direttorati oħra fi kwistjonijiet finanzjarji kkontribwixxa wkoll għar-reputazzjoni tiegħu bħala dipartiment tal-Gvern affidabbli u responsabbli. Id-dedikazzjoni tat-taqsima tal-Finanzi għall-eċċellenza fil-ġestjoni finanzjarja hija xhieda tal-impenn tagħha li taqdi l-interess pubbliku.

**Sezzjoni pagamenti ta' Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali**

It-tabella ta' hawn taħt turi l-ispiża ta' kull benefiċċju li tħallas fl-2022 u fl-2023. It-tielet kolonna tirrifletti ż-żieda jew d-differenza tal-ammont ta' kull benefiċċju bejn l-2022 u l-2023.

| **Benefiċċji Kontributorji** | 2022 **Attwali** | 2023 **Attwali** | (+ jew -) |
|---|---|---|---|
| | **EUR** | **EUR** | **EUR** |
| Pensjonijiet għall-irtirar | 677,807,835 | 722,409,721 | 44,601,886 |
| Pensjonijiet għall-invalidità | 18,512,151 | 18,761,192 | 249,041 |
| Pensjonijiet għar-romol | 163, 953, 503 | 176,015,215 | 12,061,712 |
| Benefiċċji għal korriment fuq ix-xogħol | 1, 658, 246 | 1,525,748 | -132,498 |
| Benefiċċji għal qgħad | 858, 300 | 989,501 | 131,201 |
| Benefiċċji għal maternità | 3, 025, 652 | 3,229,920 | 204,268 |
| Benefiċċji għal mard | 6, 272, 310 | 5,747,264 | -525,046 |
| Allowance ta' ltim | 45, 678 | 31,887 | -13,791 |
| Għotja għaż-żwieġ | 1, 008, 399 | 963,953 | -44,446 |
| Bonusijiet | 92, 730, 283 | 109,006,915 | 16,276,632 |
| **TOTAL Benefiċċji Kontributorji** | **965,872,357** | **1,038,681,316** | **72,808,959** |
| **Benefiċċji mhux Kontributorji** | | | |
| Allowance għat-tfal | 44, 916, 083 | 52,192,665 | 7,276,582 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pensjoni għal persuni neqsin mid-dawl/età/carers' allowance | 21, 571, 246 | 22,128,628 | 557,382 |
| Pensjonijiet għad-disabbiltà | 35, 891, 673 | 39,864,418 | 3,972,745 |
| Allowance għal carers | 12, 013, 314 | 14,288,337 | 2,275,023 |
| In-work benefit | 13, 688, 549 | 12,545,501 | -1,143,048 |
| Assistenza medika | 17, 590, 056 | 18,100,118 | 510,062 |
| Assistenza soċjali | 43, 270, 201 | 46,364,638 | 3,094,437 |
| Allowance supplimentari | 31, 175, 251 | 37,329,004 | 6,153,753 |
| Grant għall-anzjani | 12, 989, 420 | 13,952,541 | 963,121 |
| Bonusijiet | 9, 414, 077 | 10,689,962 | 1,275,885 |
| **TOTAL Benefiċċji mhux Kontributorji** | **242, 519, 870** | **267,455,812** | **24,935,942** |
| **GRAND TOTAL EUR** | **1, 208, 392, 227** | **1,306,137,128** | **97,744,901** |

**It-tabella ta' hawn taħt turi d-dħul mill-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali**

| **Tip ta' Kontribuzzjoni** | **2022** | **2023** | **(+or-)** |
|---|---|---|---|
| | **Attwali** | **Attwali** | |
| | EUR | EUR | EUR |
| Kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi mis-Settur Privat | 671, 719, 201 | 719,380,612 | 47,661,411 |
| Kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi mis-Settur Pubbliku | 139, 202, 255 | 151,695,647 | 12,493,392 |
| Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi – Persuni li jaħdmu għal rashom/għalihom infushom | 61, 401, 484 | 64,483,893 | 3,082,409 |
| Kontribuzzjonijiet addizzjonali | 4, 822, 046 | 3,765,563 | -1,056,483 |
| Kontribuzzjonijiet mill-Istat | 429, 000, 000 | 472,999,820 | 43,999,820 |
| **TOTAL** | **1,306, 144, 986** | **1,412,325,535** | **106,180,549** |

## DIVIŻJONI GĦALL-ISTRATEĠIJA U L-IMPLIMENTAZZJONI

Id-Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni hija responsabbli għar-riċerka; l-iżvilupp, il-kordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u programmi soċjali f'Malta; l-Operat; kif ukoll ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, bil-għan li ttejjeb il-ħajja u l-prospetti soċjali taċ-ċittadini.

Fl-2023, din id-Diviżjoni kienet tinkludi: (i) l-Uffċċju tad-Direttur Ġenerali (Strateġija u Implimentazzjoni), (ii) id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm, (iii) id-Direttorat għall-Operat, (iv) id-Direttorat tal-Kordinazzjoni u l-Implimentazzjoni li jiġbor fih ukoll ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, kif ukoll (v) id-Direttorat għall-Istrateġija tal-Pensjonijiet li jinkludi wkoll l-inizjattiva 'Ġemma'.

**L-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali – Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni**

Matul l-2023, dan l-uffiċċju kompla jipprovdi sostenn lill-Ministeru biex iwettaq l-programmi strateġiċi, proġetti u inizjattivi li joħorġu mill-Pjanijiet Finanzjarji tal-Ministeru. Tkompliet il-ħidma bil-kordinazzjoni fil-formulazzjoni ta' policy u direzzjoni strateġika fi ħdan il-Ministeru. Matul din is-sena twettaq ukoll eżerċizzju ta' riorganizzar fi ħdan id-Diviżjoni sabiex l-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni jkunu f'direttorati separati. Għall-ewwel darba wkoll, ġie mwaqqaf direttorat ġdid għall-Istrateġija tal-Pensjonijiet.

Id-Direttur Ġenerali kkordinat ix-xogħol tad-direttorati li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-Diviżjoni sabiex tiżgura li jintlaħqu l-miri stabbiliti tal-Gvern b'mod effettiv u effiċjenti. Hawnhekk ġie assigurat li d-direttorati jingħataw id-direzzjoni meħtieġa u r-riżorsi kollha neċessarji sabiex jiġu implimentati dawn il-miri. Apparti minn hekk, permezz ta' kollaborazzjoni mad-dipartimenti, diviżjonijiet u entitajiet tal-Ministeri, ġie iżgurat li bħala Ministeru jiġu implimentanti l-miżuri kollha ppjanati u jitfasslu miżuri ġodda sabiex tkompli titwettaq il-missjoni tal-Ministeru b'mod strateġiku.

Bħala miri priċipali li ntlaħqu matul din is-sena, id-Diviżjoni kkordinat it-tħejjija u ppreżentat rapport ta' implimentazzjoni rigward il-Garanzija tat-Tfal, wettqet diversi studji fosthom rigward il-benefiċċji tal-qgħad, l-invalidità u dawk relatati mal-inċidenti fuq ix-xogħol, u kif ukoll kkumpilat diversi tweġibiet lill-Kummisjoni Ewropea rigward il-miri li kellu l-Ministeru għall-Pjan ta' Malta ta' Rkupru u Reżiljenza.

**Miżuri tal-Baġit, miżuri ta' Simplifikazzjoni ta' Proċessi u Tnaqqis fil-Burokrazija u/jew Miżuri Addizzjonali għall-2022**

In-numru totali ta' miżuri mħabbra fil-Baġit 2023 għall-MSPC kien dak ta' 22 (MSPC) u 7 (MSAA). Matul l-2023 ir-rata tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-baġit kienet ta' 100% (MSPC) u 85.7% (MSAA – sa Settembru 2023[2]). Tkompla wkoll monitoraġġ ta' miżuri oħra ta' baġits passati sabiex jiġi żgurat li kull proġett imħabbar jiġi implimentat.

[2] *Wara Settembru 2023, l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-MSAA bdiet issir mill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.*

Matul l-2023, minbarra t-twettiq tal-miżuri tal-baġit, kien għaddej ukoll monitoraġġ u rappurtar fuq xogħol ta' numru ta' miżuri ta' simplifikazzjoni ta' proċessi u tnaqqis fil-burokrazija ġodda (15 – MSPC u 1 – MSAA) kif ukoll fuq żewġ (2) miżuri addizzjonali ġodda implimentati mill-MSPC.

F'2023, l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali kien ukoll responsabbli mit-twettiq ta' miżura ġdida ta' simplifikazzjoni ta' proċessi u tnaqqis fil-burokrazija b'Numru 25 (2023): ***Jibda t-tieni stadju fil-proċess ta' evalwazzjoni mill-Gvern biex jiġi simplifikat Att dwar is-Sigurtà Soċjali bil-għan li jaqdi l-bżonnijiet tal-lum.*** F'dan l-eżerċizzju iskokta-l-proċess ta' evalwazzjoni mill-Gvern biex jiġi simplifikat Att dwar is-Sigurtà Soċjali bil-għan li jaqdi l-bżonnijiet tal-lum.

**Proposti tal-Manifest Elettorali**

Fl-2023, id-Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni, ħadet ħsieb il-kordinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' tliet miżuri tal-Manifest Elettorali li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-Diviżjoni:

- **EMP 99***: Inkomplu nindirizzaw il-faqar b'mod olistiku, mhux biss dak materjali, iżda wkoll dak soċjali u edukattiv. Il-mira tagħna hi li Malta jkollha fost l-anqas rata ta' nies f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea.*
- **EMP 100:** *Jitwaqqaf policy think-tank bil-għan li jitfasslu politiki varji b'analiżi u miri ċari għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja.*
- **EMP: 108** *Studju dwar il-faqar interġenerazzjonali.*

**Inizjattivi ta' Continuous Professional Development u taħriġ fl-Ufficju tad-Direttur Ġenerali**

Internament saru diversi attivitajiet ta' taħriġ u żvilupp li kienu jinkludu:

- Taħriġ fuq ICT (POWER BI)
- Taħriġ fit-tifi tan-nar
- Taħriġ dwar l-użu tal-Automated External Defibrillators
- Seminar dwar it-twettiq tal-Miżuri tal-Baġit
- Avveniment annwali ta' team building
- Taħriġ dwar il-Parteċipazzjoni Attiva tat-Tfal – Proġett CERV

Barra minn hekk, twaqqfet ukoll skema ta' żvilupp personali sabiex il-ħaddiema kollha jiġu inċentivati jkomplu jitħarrġu u jiżviluppaw personalment. Din l-iskema tnediet fl-aħħar kwart tas-sena u mistenija tkompli fis-snin li ġejjin.

**Xogħlijiet ta' tisbiħ fl-ambjent u l-operat intern**

Matul is-sena 2023 sar xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ permezz ta' numru ta' inizjattivi u investiment li jinkludu:

- Xogħol ta' tisbiħ fil-Ministeru u fil-binjiet anċillari;
- Tkompla x-xogħol relatat ma' Standard Operating Procedures interni ġodda;
- Żvilupp ta' proċeduri relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

## DIRETTORAT GĦALL-IŻVILUPP TAL-POLITIKA U L-AFFARIJIET INTERNAZZJONALI

Fl-2023, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Affarijiet Internazzjonali (PDIAD) fi ħdan id-Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni kellu rwol ċentrali fl-avvanz tal-miżuri tal-politika u fit-twettiq ta' studji komprensivi bil-mira ambizzjuża li jintlaħaq l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 1 (SDG 1): 'Intemmu l-faqar f'kull forma minn kullimkien'.

L-isforzi ddedikati tal-PDIAD kienu diretti lejn il-formulazzjoni ta' politiki li kellhom l-għan li jeqirdu l-faqar f'kull forma tiegħu. Id-Direttorat impenja ruħu b'mod attiv f'inizjattivi strateġiċi, ikkollabora ma' diversi partijiet interessati biex jitfasslu interventi effettivi u jitrawmu prattiki ta' żvilupp sostenibbli li indirizzaw direttament il-kawżi fundamentali tal-faqar u l-konsegwenzi tiegħu.

### Qafas ta' Politika għat-Tfal

Matul l-2023, il-PDIAD bi sforz kordinat, żviluppa Qafas tal-Politika tat-Tfal 2024-2030, u tnieda għall-konsultazzjoni pubblika fl-20 ta' Novembru, 2023. Il-Qafas ta' Politika jiddeskrivi l-aġenda u l-prijoritajiet tal-Gvern li jikkonċernaw it-tfal kollha taħt it-18-il sena għas-snin li ġejjin. Filwaqt li jenfasizza kemm l-isfidi, l-opportunitajiet, u anke l-ħtiġiet futuri tat-tfal, jiddeskrivi wkoll serje ta' miżuri mmirati biex itejbu r-riżultati għal prospetti aħjar u l-benesseri ġenerali tat-tfal. L-għan aħħari ta' dan il-qafas huwa li t-tfal ikunu jistgħu jikkontribwixxu bħala ċittadini attivi fis-soċjetà.

### Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Garanzija tat-Tfal

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Garanzija tat-Tfal, li ġie mniedi fl-2022, huwa wieħed mill-għodod li qed juża l-Gvern biex javvanza l-kwalità tal-ħajja tat-tfal, partikolarment dawk l-aktar vulnerabbli.

Ir-Rapport Nazzjonali ta' Progress tal-Garanzija tat-Tfal tnieda uffiċjalment fl-4 ta' Diċembru tal-2023. L-okkażjoni ġabret flimkien partijiet interessati ewlenin u diversi ministeri, inkluż dawk responsabbli mill-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni adegwata, in-nutrizzjoni xierqa u l-kura tas-saħħa.

L-għan ta' dan ir-rapport kien li jippreżenta l-progress li ntlaħaq, u janalizza kwalunkwe inkonsistenza li tista' xxekkel mill-konsolidazzjoni ta' dawn il-politiki. Ir-rispons miksub se jinforma l-abbozzar tar-Rapport tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali li se jiġi sottomess lill-Kummissjoni Ewropea fl-2024. Dan huwa parti mill-monitoraġġ biannwali tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali biex jiġi żgurat li l-għanijiet deskritti jitwettqu.

Implimentazzjoni effettiva u mmonitorjata sew tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Garanzija tat-Tfal ma tkunx possibbli mingħajr l-impenn tal-partijiet interessati kollha involuti fl-iżvilupp u l-forniment tas-servizzi rilevanti kollha.

**Strateġija Ġdida għall-Faqar Wara l-2024**

Il-'Politika Strateġika Nazzjonali preżenti għat-Tnaqqis tal-Faqar u għall-Inklużjoni Soċjali 2014-2024' tkopri medda ta' 10 snin. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal huwa kommess li jkompli jindirizza l-faqar b'mod olistiku, u għalhekk fl-2023 il-PDIAD intensifikat l-isforzi biex tiżviluppa Strateġija Nazzjonali mġedda għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Inklużjoni Soċjali 2025-2035. Il-mira ewlenija hija li Malta jkollha waħda mill-inqas rati ta' nies f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali (AROPE) fl-Unjoni Ewropea.

Id-Direttorat qed jikkollabora mal-entitajiet ewlenin tal-Gvern biex imexxi approċċ strateġiku. Fl-2023 il-PDIAD ikkordinat aktar minn 45 laqgħa bilaterali mal-partijiet konċernati qabel ma ssir konsultazzjoni. Barra minn hekk, il-ħidma attwali mal-OECD se twassal lill-Ministeru biex jiżviluppa prototipi ta' tbassir strateġiku u dawn jistabbilixxu l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Inklużjoni Soċjali 2025-2035 bħala pedament sod għall-iżvilupp ta' soċjetà aktar inklużiva f'Malta.

**Implimentazzjoni tal-Politika Strateġika Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Inklużjoni Soċjali 2014-2024**

Matul dawn l-aħħar snin, il-PDIAD, b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, immonitorjat is-sitwazzjoni lokali ta' faqar u esklużjoni soċjali b'mod konsistenti. Dan sar b'rabta ma' din il-politika strateġika u seħħ fuq bażi trimestrali. Dan il-monitoraġġ mhux biss wassal għall-kumpilazzjoni u s-sottomissjoni ta' rapporti ad hoc lill-Kummissjoni Ewropea fl-2023, iżda kkontribwixxa wkoll għat-tħejjija tar-Rapport ta' Implimentazzjoni u Evalwazzjoni li jmiss, u li huwa skedat għall-pubblikazzjoni fl-2024.

Ir-Rapport ta' Implimentazzjoni u Evalwazzjoni għall-perjodu 2020-2022 jivvaluta l-progress li sar f'konformità mal-azzjonijiet strateġiċi ta' politika kif inhuma deskritti fil-Politika. B'mod aktar speċifiku, ir-rapport jeżamina l-avvanzi li saru fis-sitt dimensjonijiet tal-benesseri u jiskrutinizza l-implimentazzjoni ta' miżuri mfassla biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika.

**Il-Parteċipazzjoni tat-Tfal**

Fl-2023, il-PDIAD żviluppa u nieda b'suċċess pjattaforma ta' parteċipazzjoni tat-tfal online, li tinsab fis-sit elettroniku (empoweringchildren.gov.mt). Din il-pjattaforma hija mfassla biex tistabbilixxi spazju sigur, inklussiv u sinifikanti fejn it-tfal ikunu jistgħu jesprimu l-ħsibijiet u l-ideat tagħhom, bl-għan aħħari li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fit-tfassil tal-politika nazzjonali. F'din il-pjattaforma ġiet integrata 'chat' li tipprovdi appoġġ emozzjonali professjonali, għal dawk it-tfal li jkollhom bżonn lil xi ħadd ma' min jitkellmu.

Matul sessjoni ta' tlett ijiem f'Settembru 2023, ġie provdut taħriġ fuq it-tkabbir ta' kapaċità lil dawk li jfasslu l-politika sabiex ikunu jistgħu jinkorporaw u jtejbu l-parteċipazzjoni tat-tfal fit-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali li jikkonċernawhom. Is-sessjonijiet ta' taħriġ enfasizzaw l-aħjar prattiki għall-involviment tat-tfal fit-tfassil tal-politika, fosthom li jinħolqu kundizzjonijiet aħjar għall-parteċipazzjoni effettiva tat-tfal. Din l-inizjattiva sostniet l-impenn lejn id-drittijiet tat-tfal u laħqet il-qofol tagħha fl-għoti ta' taħriġ speċifiku ta' kif għandha tiġi preżentata politika f'verżjonijiet adattati u aċċessibbli għal tfal ta' etajiet u abbiltajiet differenti.

Twettqet kampanja komprensiva fuq il-midja lokali biex tqajjem għarfien u kuxjenza dwar id-dritt li t-tfal għandhom li jiġu mismugħa. Din il-kampanja xxandret b'diversi modi, fosthom fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali, reklamar u intervisti fuq ir-radju, u dehriet televiżivi.

**Punt Fokali Nazzjonali għad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga**

Fl-2023 il-Punt Fokali Nazzjonali għad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga f'Malta mexxa diversi inizjattivi biex iżid l-għarfien u l-fehim tas-sitwazzjoni tad-droga fil-pajjiż. F'Ġunju tal-2023, tnediet it-tieni Politika Nazzjonali dwar id-Droga, li tkopri l-perjodu mill-2023 sal-2033. Bl-iskop li ttaffi l-ħsara kkawżata mid-droga u li tippromovi l-benesseri ġenerali tas-soċjetà, il-politika tirrappreżenta pass sostanzjali lejn approċċ komprensiv u ta' kompassjoni għall-isfidi relatati mad-droga.

Avveniment notevoli matul is-sena kien il-Laqgħa tal-Partijiet Interessati dwar ir-Rappurtar Nazzjonali dwar id-Drogi li saret fit-23 ta' Novembru tal-2023. Din il-laqgħa ġabret flimkien partijiet interessati rilevanti biex jiddiskutu l-istat attwali tad-droga f'Malta. Sejbiet preliminari, ibbażati fuq data miġbura fl-2023 b'enfasi fuq żviluppi fl-2022, ġew ippreżentati matul il-laqgħa. Barra minn hekk, il-preżentazzjonijiet koprew preparazzjonijiet għall-istħarriġ tal-European School Survey Project on Alcohol and Other Drugs (ESPAD) u aġġornamenti dwar l-Istħarriġ Ġenerali dwar il-Popolazzjoni, li għadu għaddej.

Saru aktar sforzi biex jitfassal ir-Rapport Nazzjonali dwar is-Sitwazzjoni u t-Tweġibiet tad-Droga f'Malta, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva, billi jiġbed għarfien minn data miġbura f'diversi setturi, inkluża l-politika dwar id-droga, riċerka ġdida, infurzar tal-liġi, qrati, u ċentri ta' trattament. Dan ir-rapport, li huwa mistenni li jiġi ppubblikat fl-ewwel kwart tal-2024, se joffri riżors siewi biex jinftiehmu u jiġu indirizzati l-isfidi maħluqa minn kwistjonijiet relatati mad-droga fil-pajjiż. Bħalma ġara fi snin oħra, il-punt fokali dwar id-droga wassal ukoll rappurtar tad-data nazzjonali relatata mat-teħid tad-drogi lill-European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction (EMCDDA), fuq livell Ewropew, kif ukoll lill-United Nations Office on Drugs and Crime (UNODC*)* fuq livell internazzjonali. Il-punt fokali kompla wkoll jipparteċipa f'laqgħat relatati mal-użu tad-droga skont il-ħtiġiet meħtieġa minn dan l-uffiċċju, kemm lokalment u wkoll barra minn xtutna.

**Parteċipazzjoni f'Fora Lokali u Internazzjonali**

Matul l-2023, id-Direttorat issokta bil-ħidma tiegħu sabiex jaqdi r-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu għall-iżvilupp tal-politika soċjali fuq livell internazzjonali li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Dan għamlu billi ħadem mill-qrib ma' ministeri, dipartimenti u entitajiet oħra; ipparteċipa f'konferenzi lokali kif ukoll f'laqgħat Ewropej; ħa sehem attiv f'kumitati u gruppi ta' ħidma; u analizza dokumenti u rapporti li jittrattaw temi ta' natura soċjali.

Id-Direttorat kompla jżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi fil-qasam tal-politika soċjali u baqa' jikkontribwixxi f'dibattiti li jiffukaw fuq dan il-qasam billi attenda diversi fora nazzjonali u Ewropej: fosthom seminars u konferenzi nazzjonali u Ewropej li jittrattaw diversi realtajiet soċjali, espona bl-aktar mod ċar l-isfidi soċjali kurrenti u pprovda diskussjoni flimkien ma' proposti ta' azzjoni li jindirizzaw il-ħtiġiet attwali.

B'għarfien sħiħ tal-fatt li l-oqsma tal-politika soċjali u d-drittijiet tat-tfal huma kumplessi u dinamiċi, id-Direttorat jilqa' b'apprezzament stediniet minn ministeri oħra sabiex jifforma parti minn kumitati u gruppi ta' ħidma tagħhom. Għaldaqstant, matul l-2023, id-Direttorat kien rappreżentat fuq il-Kumitat tal-Inklużjoni u l-Grupp ta' Ħidma Upskilling Pathways imwaqqfa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport , iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), fuq il-Grupp ta' Kordinazzjoni dwar il-Faqar tal-Enerġija u l-Konsumaturi Vulnerabbli mwaqqaf mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru (OPM), fuq il-Kumitat ta' Tmexxija għall-Iżvilupp u l-Implimentazzjoni tal-Politika tal-Arkitettura għal Malta mmexxi mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi (MTIP), kif ukoll fuq l-Multistakeholder Forum għar-Raba' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Malta fuq l-Open Government  kordinat mill-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni (MJR).

Fuq livell Ewropew, id-Direttorat kompla jikkordina r-rispons tal-Ministeru fl-Unjoni Ewropea kif ukoll f'fora oħra tal-Kunsill tal-Ewropa (CoE) u l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD). Il-parteċipazzjoni tad-Direttorat f'fora bħal dawn mhux biss tipprovdi tagħrif f'materji ta' statistika u politika soċjali iżda tgħin ukoll l-iżvilupp ta' politiki u l-ippjanar ta' servizzi soċjali li jindirizzaw il-bżonnijiet ewlenin.

Il-PDIAD ħadem ukoll mill-qrib ma' dipartimenti u entitajiet oħra fi ħdan il-Ministeru kif ukoll ma' ministeri oħra skont l-esiġenzi, sabiex jiġbor l-informazzjoni u r-rispons mitlub, b'mod partikolari f'risposti lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

## DIRETTORAT TAL-OPERAT

Id-Direttorat tal-Operat għandu rwol importanti fl-istrateġija operattiva fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Għan ewlieni tal-operat huwa r-responsabbiltà għall-ippjanar, id-direzzjoni u l-kordinazzjoni biex imexxi 'l quddiem inizjattiva tal-bidla f'diversi dipartimenti u entitajiet fil-Ministeru.

**Sezzjoni tal-Immaniġġjar u l-Arkivjar u Rekords**

Is-Sezzjoni tal-Immaniġġjar u l-Arkivjar u Rekords hija responsabbli għad-dokumenti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali, id-Drittijiet tat-Tfal u d-diversi entitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tiegħu. Din is-Sezzjoni taħdem b'kollaborazzjoni mal-impjegati tal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta.

Il-funzjoni ta' din is-Sezzjoni hi li tara li d-dokumenti li jinsabu fi ħdan il-Ministeru jingħataw Retention Policy approvata mill-Arkivista Nazzjonali, sabiex il-Ministeru jkun protett legalment meta jinqerdu ċerti dokumenti. Huwa importanti illi f'dan il-proċess jinżammu dokumenti li jistgħu jkunu ta' valur storiku, bl-iskop li dawn ikunu jistgħu jiġu aċċessati għal skop ta' riċerka mill-pubbliku. Matul is-sena 2023 id-Direttorat tal-Operat ħadem fuq diversi Retention Policies. L-għan ewlieni huwa li jiddisponi minn dokumenti mhux meħtieġa u jinżammu dawk importanti, jew minħabba l-operat tal-uffiċċju kkonċernat jew minħabba l-valur tagħhom. Id-dokumenti jintremew skont il-perjodu taż-żamma tagħhom u skont is-sezzjoni. Ir-Retention Policies huma relatati ma' files antiki, applikazzjonijiet li l-proċess tagħhom ġie maħdum u ffinalizzat, minuti, data personali, u dokumenti oħra li m'għadhomx jintużaw. Ir-Retention Policies li nħadmu fis-sena 2023 huma:

- Retention Policy tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (files tal-Pensjonijiet tas-Servizz)
- Retention Policy tal-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti – Bord tal-Appelli
- Retention Policy tal-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti – Bord tal-Fostering
- Retention Policy tal-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

**Sezzjoni tal-Customer Care**

Ir-rwol prinċipali tal-Customer Care Unit huwa li tingħata l-aħjar għajnuna lill-pubbliku fl-iqsar żmien possibbli. Din is-sezzjoni hija magħmula minn aġenti li jwieġbu emails li jirċievu ta' kuljum mingħand il-pubbliku mill-email ġeneriku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, kif ukoll każijiet li jidħlu l-ewwel għand servizz.gov permezz tal-kuntatt telefoniku, emails, Facebook u l-pubbliku li jżur il-hubs, u jgħaddu fil-Customer Care Unit permezz tas-sistema tal-Customer Relations Management (CRM) biex jiġu finalizzati. L-aġenti tal-Customer Care Unit jikkuntattjaw lill-klijent permezz tal-email jew, fejn hemm bżonn, permezz tal-kuntatt telefoniku. Il-mistoqsijiet mill-pubbliku li jgħaddu permezz tal-formola ta' kuntatt li tinsab fis-sit elettroniku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, jgħaddu wkoll fuq l-istess sistema.

Matul is-sena 2023 id-Direttorat tal-Operat ħadem biex isaħħaħ it-Taqsima tal-Customer Care li tagħmel parti mill-istess Direttorat. Id-Direttorat flimkien ma' servizz.gov ħadem biex tissaħħaħ is-sistema ta' Customer Relationship Management (CRM) li hija bbażata fuq l-infrastruttura ta' servizz.gov. Din is-sistema għandha l-istess rwol u l-karatteristiki ta' servizz.gov b'hekk hija replika ta' servizz.gov, iżda għandha wkoll il-funzjonalità li tippermetti li jiġu stabbiliti proċessi speċifiċi għad-Dipartiment. Din tiffaċilita biex l-informazzjoni tkun f'ħin reali għall-klijenti tagħna. Din is-sistema ġiet ukoll aġġornata bl-aħħar teknologija fix-xahar ta' Mejju 2023 biex b'hekk issaħħaħ il-proċess u jingħata servizz aħjar lill-klijent. Is-servizz tal-klijenti li jingħata kemm minn servizz.gov permezz ta' ittri emails, walk-ins, telefown u chat, kif ukoll minn aġenti tat-Taqsima tal-Customer Care, jiġi immonitorjat. Dawk responsabbli tal-ġestjoni jiltaqgħu regolarment biex jittejjeb is-servizz u jipprovdi servizz ta' eċċellenza.

Il-ġestjoni tad-Direttorat tal-Operat eżaminat regolarment l-emails li jinħadmu mill-aġenti biex taċċerta l-kwalità tas-servizz. Ħarġet ukoll rapporti li jidentifikaw nuqqasijiet fil-proċessi, li ġew diskussi sabiex jissaħħaħ is-servizz. Ġew analizzati l-prodotti li jintużaw fis-sistema tal-Customer Relationship Management (CRM) biex tkompli tissaħħaħ is-sistema. Rapporti relatati max-xogħol kollu li jsir mill-aġenti tal-Customer Care jiġu ġenerati regolarment, biex jinstabu modi kif jittejjeb il-proċess tax-xogħol u fejn meħtieġ ġie ppjanat taħriġ biex jissaħħu d-dgħufijiet tal-aġenti.

Bħala parti mit-tisħiħ tal-Operat, il-ġestjoni tal-istess Operat għamlet laqgħat one-to-one mal-aġenti kollha tal-Customer Care u ħeġġithom jattendu taħriġ speċjalizzat fuq il-post tax-xogħol u wkoll taħriġ tal-IPS. Ġew diskussi l-ħtiġiet ta' taħriġ u l-proċessi ta' kuljum mad-Direttur tal-Operat u beda l-ippjanar tat-taħriġ mal-punti fokali kollha tat-taqsimiet tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fuq kull benefiċċju u fejn huwa meħtieġ prijoritizzazzjoni. Beda l-proċess biex jiġi ppjanat taħriġ regolari fuq il-post tax-xogħol għall-aġenti kollha tal-Customer Care biex tiġi żgurata l-ispeċjalizzazzjoni, jitjieb ix-xogħol, u jitjieb is-servizz tal-Customer Care lejn il-klient.

Inbeda x-xogħol fuq il-Proċeduri Operattivi (Standard Operating Procedures) biex jiġi ffaċilitat il-proċess meħtieġ u tittieħed azzjoni fejn meħtieġ. Il-Proċeduri Operattivi ġew iċċekkjati u mtellgħin online, u ntbagħtu wkoll lil servizz.gov biex jiġi segwit l-istess proċess mill-aġenti.

B'kollaborazzjoni ma' servizz.gov ġew pjanati u twasslu webinars u taħditiet fuq programmi tal-midja. Ġew preparati u mwassla preżentazzjonijiet minn aġenti li ntgħażlu apposta b'kapaċità li jwassslu l-informazzjoni. Is-sessjonijiet mogħtija kienu webinar online b'kollaborazzjoni mal-Parent Craft Services tal-Isptar Mater Dei, sessjoni rekordjata fi programm tar-radju 'Familji ta' Għada', u sessjoni kordinata għall-programm tar-radju live 'Għal Kulħadd'.

It-taqsima tal-Customer Care tad-Direttorat tal-Operat f'konformità mal-istess Ministeru, iddiskutiet u żviluppat ideat, analizzat informazzjoni, ħadet deċiżjonijiet u implimentat bidla lejn titjib biex jissaħħaħ il-proċess. L-istess taqsima rat li l-prijoritajiet jiġu diskussi mal-partijiet kollha interessati u kif meħtieġ.

**Taqsima tal-Manutenzjoni**

Din it-taqsima hija inkarigata mill-manutenzjoni f'Palazzo Ferreria, fl-Uffiċċju tal-Arbitru, fl-uffiċini tat-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, kif ukoll fit-Taqsima tal-Bordijiet fil-Konservatorju Vincenzo Bugeja.

It-taqsima hija impenjata l-ġimgħa kollha billi tieħu ħsieb li jsiru t-tiswijiet neċessarji f'każijiet ta' ħsarat li jinqalgħu minn żmien għal żmien. It-taqsima twettaq ukoll proġetti żgħar ta' tisbiħ ta' uffiċini li jinkludu tibjid, bibien ġodda, plumbing u elettriku, tqegħid ta' soffitti kif ukoll kmamar tal-banju. Fost il-proġetti ta' tisbiħ li saru fl-2023 ta' min isemmi t-tlestija ta' xogħlijiet fl-uffiċini tal-Income Support and Compliance Division, kif ukoll tax-xogħlijet fin-Non-contributory Benefits Unit.

Proġetti oħra li twettqu kienu t-tisbiħ tal-uffiċini tad-Direttorat tal-Operat fejn sar tibjid, cables ġodda tal-elettriku, kif ukoll it-tisbiħ tal-uffiċini tal-istess Taqsima tal-Manutenzjoni. It-Taqsima hija wkoll responsabbli minn superviżjoni ta' proġetti ta' kostruzzjoni ta' kuntratturi privati mqabbda mill-Ministeru.

## DIRETTORAT GĦALL-KORDINAMENT U L-IMPLIMENTAZZJONI

Matul is-sena 2023, it-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU) fi ħdan id-Direttorat għall-Kordinament u l-Implimentazzjoni kompliet taġixxi bħala punt ta' referenza għall-affarijiet internazzjonali; kemm dawk b'dimensjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) kif ukoll fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet bilaterali ratifikati minn Malta tul is-snin. L-IRU hija responsabbli kemm għall-parti operazzjonali tal-implimentazzjoni tat-tali ftehimiet, kif ukoll għall-aspett ta' politika.

Id-Direttorat jinkorpora wkoll fi ħdanu l-Implimentazzjoni tal-Programmi. Dan primarjament jinvolvi l-kordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea kif ukoll programmi jew inizjattivi oħra, filwaqt li jikkordina wkoll ma' partijiet interessati oħra biex jiżgura implimentazzjoni bla xkiel ta' dawn il-proġetti, miżuri u inizjattivi.

**Talbiet għall-pensjoni pproċessati mill-IRU**

Skont l-aħħar statistika, fis-sena 2023 l-IRU pproċessat 267 talba għall-pensjoni li ġew min persuni fl-UE, ir-Renju Unit, l-Awstralja u l-Kanada. In-numru ta' talbiet li ħarġu (talbiet minn persuni li joqogħdu lokalment li qegħdin jitolbu pensjoni minn barra) kien ta' 183, filwaqt li n-numru ta' talbiet li daħlu (talbiet li waslu minn persuni li joqogħdu barra minn Malta) kien ta' 421.

| Pajjiż | 2023 | | |
|---|---|---|---|
| | Li ħarġu | Li daħlu | Proċessati minn dawk li daħlu |
| **UE** | 57 | 193 | 94 |
| **UK** | 34 | 44 | 20 |
| **L-Awstralja** | 64 | 167 | 142 |
| **Il-Kanada** | 28 | 17 | 11 |
| **Totali** | 183 | 421 | 267 |

Dan iwassal biex it-total ta' pensjonanti mħallsin barra minn Malta fis-sena 2023 kien ta' 7,043. Din il-figura ma tinkludix ċirka 900 pensjonanti oħra li kellhom il-pensjoni tagħhom imwaqqfa wara li sar il-proċess ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament u rriżulta li ma kien hemm ebda risposta min-naħa tal-pensjonant.

**Ċertifikazzjoni ta' verifika tal-intitolament (u tal-ħajja)**

Minħabba li n-numru ta' pensjonanti li joqogħdu barra minn Malta dejjem qed jikber, id-Dipartiment jimplimenta sistema ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament bħala salvagwardja kontra każijiet li jistgħu jkunu qarrieqa. Din is-sistema qed tipprovdi lit-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali bl-għodda neċessarja biex iżomm kuntatt ma' pensjonanti li ma jgħixux Malta, li magħhom l-IRU m'għandux komunikazzjoni diretta biex jivverifika li t-tali pensjonanti għadhom ħajjin, kif ukoll biex iżomm rekord aġġornat bid-dettalji tal-qraba. In-numru ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament maħruġa mill-IRU matul l-2023 kien ta' 5,442 fejn 1,481 ġew sospiżi.

Minbarra din is-sistema ta' ċertifikazzjoni msemmija, l-IRU għandu ftehim mar-Renju Unit fejn din l-informazzjoni dwar il-pensjonanti komuni li joqogħdu kemm f'Malta u kemm fir-Renju Unit, tiġi skambjata aktar spiss b'mod elettroniku. Barra minn hekk, fid-dawl tal-obbligi li joħorġu mir-Regolamenti tal-UE dwar il-kordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (883/2004 u 987/2009), l-IRU kellha twessa' l-mandat tagħha biex tipprovdi għall-pagamenti tal-benefiċċji għall-mard, benefiċċju tal-qgħad, kwistjonijiet ta' assigurazzjoni, aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, u mard relatat max-xogħol li jinvolvu element transkonfinali, waqt li jagħtu gwida ta' politika lis-sezzjoni tal-Allowance tat-Tfal fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali meta jkun hemm każijiet li jikkonċernaw il-benefiċċji tal-familija u ta' maternità. Fid-dawl tar-responsabbiltaijiet imsemmija hawn fuq, matul dawn l-aħħar ħames snin, l-IRU pproċessat it-talbiet li ġejjin:

- U1 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-Qgħad) – 2,306
- U002/U004/U017 (Dokumenti Elettroniċi Standard għall-komunikazzjoni tal-Informazzjoni dwar is-Salarju u tal-assikurazzjoni) – 1,015 (Dokumenti relatati bil-karti – 7)

- U009 (Dokument Elettroniku Standard għall-konferma tar-reġistrazzjoni) – 43
- U013 (Dokument Elettroniku Standard għall-konferma mensili tar-reġistrazzjoni) - 31
- SO41 (Dokument Elettroniku għall-Benefiċċji tal-Mard) – 268 (E104 – Dokumenti relatati bil-karti – 0)
- P5000 (Dokument Elettroniku għaċ-Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għal Raġunijiet ta' Pensjoni – 210 (E205 – Dokumenti relatati bil-karti – 218)
- P6000 (Dokument Elettroniku għal Notifika tad-Deċiżjoni Dwar Talba għal Pensjoni – 147 **(**E210 – Dokumenti relatati bil-karti – 12)
- P8000 (Dokument Elettronku Generiku) – 217 (E001 – Talbiet għall-informazzjoni bil-karti – 25)

**Determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli**

Waħda mir-responsabbiltajiet tal-IRU hi d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli f'każijiet meta l-ħaddiema jkunu f'sitwazzjoni transkonfinali. Ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u Nru 987/2009 jipprovdu serje ta' dispożizzjonijiet biex tiġi determinata liema hija l-leġiżlazzjoni applikabbli f'każijiet bħal dawn. Matul is-sena 2023, it-taqsima rċeviet numru rekord ta' applikazzjoni f'dan ir-rigward. Wara li saret l-analiżi ta' dawn it-talbiet kollha skont ir-regoli applikabbli, inħarġu total ta' 11,749 formola A1 (Ċertifikat dwar il-liġi tas-Siġurtà Soċjali li tapplika) għal kull każ li kien aċċettat skont ir-rekwiżiti kollha kif mitlub mil-liġi. In-numru ta' applikazzjonijiet li ġew rifjutati minħabba li ma kinux jissodisfaw il-kriterji mitluba mil-liġi, kienu jammontaw għal 40 applikazzjoni.

Ċifra 1. Applikazzjonijiet A1 riċevuti



Barra minn hekk, b'rabta mal-obbligi ta' assigurabbiltà msemmija hawn fuq li jitwettqu mill-IRU, matul l-aħħar snin din it-Taqsima kienet involuta f'diversi laqgħat ma' kumpaniji barranin u lokali, partikolarment kumpaniji fis-settur marittimu u tal-avjazzjoni, u individwi oħra biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, li joħorġu mir-Regolamenti tal-UE msemmija hawn fuq. L-IRU wettqet ir-riċerka neċessarja u analizzat il-każijiet ippreżentati. Wara li sar dan l-eżerċizzju, il-partijiet interessati u l-entitajiet involuti ngħataw il-pariri xierqa, fir-rigward tal-pożizzjoni ta' assigurazzjoni tal-individwi impjegati jew li jaħdmu għal rashom li se jkunu impjegati fi Stat Membru tal-UE ieħor u ċittadini tal-UE li se jkunu involuti f'attività ta' impjieg f'Malta.

**Ħruġ ta' numri tas-sigurtà soċjali permezz ta' talbiet u sistemi online**

Matul l-2023, kompliet il-ħidma fuq l-applikazzjoni online kif ukoll talbiet li saru minn entitajiet diversi. L-IRU għaldaqstant ħarġet total ta' 2,970 numru tas-sigurtà soċjali lil ċittadini barranin.

**Numru ta' domandi mill-pubbliku li indirizzat l-IRU**

L-IRU hija responsabbli wkoll milli tindirizza domandi mill-pubbliku. Matul is-sena 2023, l-IRU rċeviet madwar 16,322 domanda mingħand il-pubbliku ġenerali li waslu għand it-Taqsima jew personalment jew fil-maġġoranza tagħhom permezz ta' ittra elettronika. Domandi oħra waslu wkoll permezz ta' ittri jew permezz tas-servizz.gov.

**Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni**

Kompitu ieħor importanti mwettaq mill-IRU hu l-ipproċessar ta' talbiet minn impjegati ta' istituzzjonijiet tal-UE li jkunu ħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fis-sistema tas-sigurtà soċjali Maltija, u kif previst mir-Regolament tal-Kunsill 259/68 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej, huma offruti l-possibbiltà li jittrasferixxu d-drittijiet għall-pensjoni akkumulati fl-iskema Maltija għall-iskema tal-UE. Fis-sena 2023 l-IRU irciviet sitt (6) applikazzjoni fejn tliet (3) kienu trasferiti, tnejn (2) irtirati u każ kien pendenti. Fl-2023 ġie trasferit l-ammont ta' €74,605,22 lejn l-iskema tal-Kummisjoni Ewropea u ammont addizjonali ta' €104,079,02 fuq każ ta' Qorti li kien pendenti mis-sena 2014.

**Rifużjoni ta' benefiċċju tal-qgħad lill-pajjiż tar-residenza**

L-artiklu 65 tar-Regolament (KE) 883/2004 jipprovdi għal rifużjoni ta' Benefiċċju tal-Qgħad imħallsa lill-persuni li, wara perjodu ta' xogħol f'Malta, minflok talbu għall-benefiċċju tal-qgħad minn Malta, irritornaw lura għall-pajjiż tar-residenza tagħhom u għamlu talba hemmhekk. F'każijiet bħal dawn, biex ikun hemm bilanċ fl-ispiża, l-pajjiż fejn saret l-attività tax-xogħol huwa obbligat li jirrifondi lill-pajjiż tar-residenza l-ekwivalenti ta' tliet (3) xhur benefiċċju (li jista' jitla' għal ħames (5) xhur) bir-rata tal-benefiċċju lokali. Matul is-sena 2023 ġew imħallsa total ta' € 169,201,67 lil diversi pajjiżi tal-UE.

**Xogħol ta' politika mwettaq fl-2023**

Minbarra l-impenji operattivi, l-IRU hija involuta wkoll b'mod attiv fil-qasam tat-tfassil ta' linji politiċi relatati mal-qasam tal-kordinament tas-sigurtà soċjali fl-UE kif ukoll aspetti internazzjonali oħra ta' sigurtà soċjali. Membri tal-IRU rrappreżentaw lil Malta f'diversi laqgħat fuq livell tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni Amminstrattiva għall-Kordinament tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali, Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill, Gruppi ta' Ħidma u Forums ta' Riflessjoni oħra, laqgħat tal-MISSOC u bħala esperti tan-network MoveS. Apparti mill-attendenza għall-laqgħat, il-parteċipazzjoni f'dawn il-gruppi tinvolvi wkoll il-kumpilazzjoni ta' statistika u informazzjoni fuq bażi annwali u f'ċertu każijiet bi frekwenza kontinwa (MoveS, MISSOC u ISSA). Matul is-sena 2023, il-laqgħat imsemmija saru fil-biċċa l-kbira tagħhom b'mod virtwali u dan wassal li ċertu fora tlaqqgħu b'iktar frekwenza minħabba l-fatt li kienu jinvolvu inqas arranġamenti loġistiċi.

Ta' min jinnota li f'Marzu 2023 membri tal-IRU rrappreżentaw lil Malta fil-grupp ta' ħidma 'Posting 360' imtella' mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA). F'dan il-grupp ta' ħidma jiġi diskuss il-kunċett ta' stazzjonar tal-ħaddiema u kif jitfasslu mudelli u prattiki komuni għall-Istati Membri kollha. L-IRU segwiet ukoll il-laqgħat relatati mal-ftehim il-ġdid bejn l-UE u r-Renju Unit. Għal dan il-għan ġie mwaqqaf kumitat specjalizzat li jiltaqa' darbtejn fis-sena biex jiġu diskussi temi ta' proċedura li ġew maqbula fil-ftehim. Dan il-Kumitat hu magħmul minn rappreżentant wieħed ta kull Stat Membru u rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Renju Unit. Barra minn hekk il-ftehim jipprovdi wkoll li tinġabar statistika annwali tal-każijiet li nħadmu taħt il-qafas tal ftehim. Din l-istatistika tiġi ippreparata wkoll mill-IRU.

Fl-istess ħin, l-IRU kienet impenjata fir-reviżjoni tar-Regolament (UE) 883/2004 u 987/2009 liema regolament jifforma l-bażi tal-operat tal-istess taqsima. Matul is-sena 2023 tkompla x-xogħol fuq l-istess fajl mill-Presidenza Żvediża li kienet responsabbli biex tkompli n-negozjati mal-Parlament. Peress li dawn in-negozjati ma ġewx konklużi, il-fajl għadda għand il-Presidenza Spanjola mill-1 ta' Lulju, 2023. Diskussjonijiet f'dan ir-rigward għadhom għaddejjin.

L-IRU kompliet issegwi il- proġett tal-'European Social Security Pass' (ESSPass) li huwa proġett pilota li jipprovdi għal diġitalizzazzjoni ta' dokumenti maħruġa fil-qasam tar-Regolamenti (UE) 883/2004 u 987/2009 fosthom id-dokument A1. L-IRU qed issegwi il-proġett minn lat ta' proċedura fejn kienet mitluba tagħti l-esperjenza fuq bażi nazzjonali tul id-diversi laqgħat li saru fi ħdan il-grupp ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea. Il-proġett issa wasal fil-fażi tal-implimentazzjoni u għaldaqstant il-Kummissjoni qed titkellem mal-Istati Membri sabiex il-proġett ikompli jiżviluppa.

**RINA Handover**

RINA huwa komponent tal-EESSI, sistema tal-ICT li tgħaqqad l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri inkarigati mis-sigurtà soċjali għall-iskambji elettroniċi tad-data. L-iskambju elettroniku transkonfinali tad-

data tas-sigurtà soċjali fl-Ewropa jippermetti lill-istituzzjonijiet nazzjonali jipproċessaw talbiet minn ċittadini migratorji għall-benefiċċji soċjali u r-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa b'mod aktar rapidu u effiċjenti.

Il-Kummissjoni Ewropea għaddiet l-iżvilupp u ż-żamma ulterjuri tar-RINA lill-Istati Membri. l-Istati Membri individwali jew l-utenti tar-RINA bdew proċess biex jieħdu f'idejhom il-finanzjament u l-iżvilupp tas-sistema EESSI. It-trasferiment tar-RINA huwa l-proċess li jippermetti lill-Istati Membri jieħdu s-sjieda tal-artefatti RINA mill-Kummissjoni Ewropea, permezz tal-istabbiliment jew l-użu mill-ġdid ta' strutturi ta' governanza eżistenti maħsuba biex jiggarantixxu ż-żamma ġenerali tar-RINA. L-Awtoritajiet Kontraenti kkonkludew Ftehim ta' Akkwist Konġunt rigward l-operat u l-kordinazzjoni tagħhom, inklużi l-aspetti interni kollha relatati mal-ġestjoni tal-proċess ta' trasferiment ta' RINA. Ġie ffirmat Ftehim ta' Akkwist Konġunt (JPA) bejn diversi Stati Membri inkluża Malta. L-għan tal-JPA huwa li tiżgura l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali fost l-Istati Membri parteċipanti involuti fil-proġett EESSI. L-Awtoritajiet Kontraenti ffirmaw il-ftehim biex jinqasmu l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-prodott RINA, il-manutenzjoni korrettiva u evoluzzjonarja tar-RINA, u għal studju ta' fattibbiltà għal arkitettura ġdida tar-RINA. Matul din is-sena, Malta pparteċipat ukoll f'laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija ta' kull xahar. Il-Bord ta' Tmexxija huwa korp ta' tmexxija li għandu responsabbiltajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

**L-Implimentazzjoni tal-Programmi**

Matul l-2023, it-taqsima tal-Implimentazzjoni tal-Programmi fi ħdan id-Direttorat kompliet bil-ħidma tagħha fejn għandhom x'jaqsmu proġetti li huma kofinanzjati mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea. Din il-ħidma kienet tikkonsisti f'tixrid ta' informazzjoni, sapport, u għajnuna teknika meħtieġa, lid-dipartimenti u entitajiet fi ħdan il-Ministeru. Fl-istess waqt, kompliet ukoll il-ħidma fir-rigward ta' proġett li qed ikun iffinanzjat minn fondi ta' 'EEA/Norway grants'.

**L-Implimentazzjoni tal-Programm FEAD 2014-2020**

Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal permezz tad-Direttorat responsabbli mill-Kordinazzjoni u l-Implimentazzjoni mexxa dan il-Programm tal-Unjoni Ewropea, liema programm kien intiż biex jgħin familji l-aktar fil-bżonn b'appoġġ permezz tat-tqassim ta' kaxxi tal-ikel f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Matul is-sena 2023, kompliet l-implimentazzjoni tal-FEAD, fejn saru żewġ distribuzzjonijiet tal-ikel (f'Marzu u f'Lulju). Barra minn hekk, kien hemm ukoll tqassim addizzjonali li sar f'Settembru. Il-programm ġie fi tmienu fl-aħħar tal-istess sena.

Sal-aħħar tal-programm ntefqu total ta' €4,566,060 fuq medda ta' tmien (8) snin, liema nefqa hi relatata mal-ikel innifsu kif ukoll mal-ippakkeġġjar tal-istess ikel. Tul it-twettiq tal-programm saru wkoll pagamenti lill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) fir-rwol tagħha bħala organizzazzjoni msieħba, li

ammontaw għal €220,128. Il-kontribut tal-FSWS kien strumentali għas-suċċess tal-implimentazzjoni ta' dan il-programm.

Fis-sena 2023, kien hemm total ta' 14,007 benefiċjarju (mhux repetuti), persuni li jgħixu f'familji li kienu eliġibbli mill-Programm FEAD. Id-Direttorat ħadem ukoll mill-qrib ma' entitajiet ewlenin, fosthom l-FSWS li ħadet ħsieb il-loġistika kollha meħtieġa, u l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Programm (PPCD).

**Fondi Strutturali 2014-2020**

Sal-ewwel kwart tal-2023, id-Direttorat ikkonkluda l-aħħar rimbors ta' pagamenti relatati mal-Proġett 'Opportunity Knocks (OK)', li kien qiegħed jiġi implimentat mill-FSWS u kofinanzjat mill-programm ta' fondi Ewropej iffinanzjati mill-fondi Norveġiżi fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Sa tmiem is-sena ġew konklużi wkoll l-proġetti mill-Politika Ewropea ta' Koeżjoni, iffinanzjati mill-Fondi Strutturali 2014-2020 fejn id-Direttorat kien responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett mill-Fond Soċjali Ewropew f'isem il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: ESF02.063: 'Knowledge, Training, Communications and Support Measures in Support of Vulnerable Groups'. Dan il-proġett, li kien jinkorpora fih diversi miżuri intiżi li jtejbu l-livell ta' interventi professjonali ma' gruppi vulnerabbli, laħaq l-infiq totali ta' kwazi 4.5 miljun ewro tul medda ta' sitt snin. Matul l-2023, laħaq il-qofol tiegħu t-twettiq ta' ftehim li kien iffirmat bejn il-Bank Dinji u l-Ministeru għalal-Finanzi u x-Xogħol għal assistenza f'riċerki speċjalizzati intiżi li jassiguraw is-sostenibbiltà tal-qafas tas-sigurtà soċjali għall-isfidi tal-ġejjieni. Barra minn dan, matul is-sena msemmija kienu għaddejjin diversi livelli ta' awditjar fuq l-infiq tal-proġett fejn id-Direttorat assista u kkollabora fejn mitlub.

Matul is-sena, id-Direttorat kien qed jassisti lill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli fi twettiq ta' proġett iffinanzjat mill-programm ta' fondi strutturali 2014-2020 mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali: ERDF08.043 – 'Regeneration of Social Housing Areas' bil-għan li jsiru installazzjonijiet ta' liftijiet fi blokok ta' akkomodazzjoni socjali li kienu nbnew fis-snin l-imgħoddija. Ir-rwol tad-Direttorat f'dan il-progett kien li jiffaċilita l-proċessi relatati ma' ħlas ta' pagamenti ta' dan il-proġett implimentat mill-Awtorità tad-Djar. Sa tmiem is-sena 2023, id-Direttorat kien iċċekkja u fela numru konsiderevoli ta' talbiet għal pagamenti u għadda għal ħlas total ta' kważi erba' (4) miljun ewro. B'riżultat ta' dan, dan il-proġett laħaq il-fondi li kienu allokati għalih li kienu jlaħħqu l-10 miljun ewro**.**

**Fondi Strutturali 2021-2027 – Programm ESF+**

Bi tħejjija għall-fondi l-ġodda taħt il-Programm ESF+, id-Direttorat ħadem biex waqt is-sena 2023 jinħareġ l-appalt il-ġdid sabiex dan ikopri l-ewwel sitt tqassimiet taħt dan il-proġett il-ġdid li wkoll se jiġi implimentat mill-MSPC.

Waqt l-2023 ġie ppubblikat l-appalt, saret l-evalwazzjoni, u ntgħażel il-fornitur mill-Bord ta' Evalwazzjoni, u ġiet sottomessa l-applikazzjoni uffiċjali lill-PPCD. Il-proġett propost ingħata l-isem ta' 'Food 4 You Support Project' bir-riferenza ta' ESF+.04.188, u għandu allokazzjoni ta' madwar ħames (5) miljun ewro b'konfinanzjament ta' 90% mill-Unjoni Ewropea.

Matul is-sena 2023, saru wkoll kuntatti preliminari sabiex dan il-proġett ikollu wkoll bħala imsieħeb lid-Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva. Dan il-ftehim sussegwentament se jassisti lill-Ministeru biex ikun jista' jingħata gwida aħjar fuq il-konteunt tal-ikel li se jitqassam lill-familji eliġibbli.

## DIRETTORAT GĦALL-ISTRATEĠIJA DWAR IL-PENSJONIJIET

Id-Direttorat għall-Istrateġija dwar il-Pensjonijiet ġie mwaqqaf fl-aħħar kwart tal-2023, u jifforma parti mid-Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni. Il-mandat tad-Direttorat huwa li jinforma, jikkontribwixxi u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-politika tal-pensjonijiet, kif ukoll li jkompli jamministra l-inizjattiva ĠEMMA.

### Taqsima għall-Istrateġija tal-Pensjonijiet

Wieħed mir-rwoli tad-Direttorat għall-Istrateġija tal-Pensjonijiet huwa li jinforma u jikkontribwixxi għall-politika tal-pensjonijiet permezz tal-parteċipazzjoni integrali tiegħu mal-Grupp għall-Istrateġija tal-Pensjonijiet PSG, kif ukoll il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-miżuri kollha relatati mar-riformi tal-pensjonijiet li joħorġu mir-rapport tal-PSG inklużi dawk li jaqgħu taħt il-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza. Ir-riformi jinkludu miżuri oħra ta' riforma fis-sistema tal-pensjonijiet introdotti mill-Gvern barra mill-proċess ta' Reviżjoni tal-Istrateġija. Id-Direttorat huwa wkoll responsabbli mit-tħejjija ta' dokumenti ta' pożizzjoni dwar id-direzzjoni strateġika u politika ta' Malta dwar il-Qafas ta' Dħul għall-Irtirar ta' Malta.

Esperti dedikati fil-finanzi li jiffurmaw parti mid-Direttorat se jkollhom l-għan primarju li jinfurmaw ir-riċerka dwar il-pensjonijiet, id-dokumenti tal-politika u t-tfassil, bl-għan finali ta' strateġija tal-pensjoni li tipprovdi sigurtà ekonomika fix-xjuħija, pjanar ta' nfiq u tfaddil aħjar, assigurazzjoni, tnaqqis tal-faqar, u ridistribuzzjoni aħjar tal-ġid/tfaddil.

Hekk kif ġew maħtura id-Direttur għall-Istrateġija dwar il-Pensjonijiet u s-Senior Manager għar-Riċerka marbuta mal-Istrateġija, beda jiġi rivedut ix-xogħol illi kien sar mill-Grupp għall-Istrateġija għall-Pensjonijiet kif ukoll riċerki u rapporti oħra marbuta miegħu, sabiex jibda jitfassal il-pjan tax-xogħol u l-qafas tar-rapport 2025-2030.

**ĠEMMA**

L-inizjattiva ĠEMMA rat il-bidu tagħha hekk kif l-MSPC ingħata r-responsabbilta tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Irtirar u l-Kapaċità Finanzjarja li kienet tkopri l-perjodu 2017-2019. Din l-istrateġija stabbilixxiet programm inklussiv ibbażat fuq żewġ fergħat: i) l-għarfien u l-informazzjoni, u ii) l-edukazzjoni, imsaħħa b'seba' kategoriji ta' kompetenza fil-kapaċità finanzjarja: l-ibbaġittjar, l-immaniġġjar tad-dejn, l-immaniġġjar tat-tfaddil, ir-reżiljenza finanzjarja, l-ippjanar għall-futur, l-għarfien fil-qasam tal-investiment, u d-drittijiet tal-individwu f'dan il-qasam. Il-viżjoni hija li ċittadini Maltin ikunu mgħammra b'għarfien biżżejjed biex jiedħu l-aħjar deċiżjonijiet finanzjarji skont iċ-ċirkostanzi personali tagħhom. It-tieni strateġija 2022-2025 ġiet ippubblikata f'Jannar tal-2022 u kompliet tibni fuq il-kisbiet u l-lezzjonijiet mill-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel. ĠEMMA fittxet li timxi 'l quddiem bix-xogħol ta' edukazzjoni, għarfien u taħriġ bil-pjattaforma edukattiva li kienet ġiet estiża għall-mezzi oħra tal-media soċjali.

Il-programm ta' kapaċità finanzjarja ĠEMMA b' kollaborazzjoni ma' stakeholders Maltin u internazzjonali se jkompli bil-ħidma tiegħu li jeduka u jinforma lis-soċjetà Maltija ta' kull età, biex jedukahom fl-oqsma kollha tal-ġestjoni tal-flus inkluż l-importanza ta' tħejjija bikrija għall-irtirar u kif wieħed jimmassimizza d-dħul tal-irtirar.

Matul l-2023, permezz ta' għodod, webinars, apps, sessjonijiet fiżiċi u riżorsi oħra, ĠEMMA wettaq diversi xogħlijiet u inizjattivi, fosthom:

- Sessjonijiet informattivi għall-anzjani – 24 sessjoni f'sitt lokalitajiet differenti (Raħal Ġdid, il-Belt, il-Mellieħa, is-Siġġiewi, Wied il-Għajn, San Pawl il-Baħar) fejn intlaħqu madwar 230 anzjan/anzjana;
- Riċerka tal-OECD dwar il-litteriżmu finanzjarju u l-inklużjoni finanzjarja f'Malta – ir-riżultati ta' Malta li ħarġu minn din ir-riċerka ġew ippubblikati ma' dawk ta' pajjiżi oħra. Din ir-riċerka flimkien mar-rakkomandazzjonijiet se jkun ippreżentati waqt konferenza fl-2024;
- Diversi kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni online, dwar temi finanzjarji, immaniġġjar tal-flus, eċċ. Dawn saru kemm fuq il-media soċjali Facebook u Freehour forma ta' posts, quizzes, videos, podcasts u webinars anke fuq il-portal ta' ĠEMMA. Matul is-sena saru wkoll diversi laqgħat, komunikazzjonijiet, rappurtar kif ukoll newsletter li tiġi ppubblikata kull erba' xhur minn ĠEMMA u tintbagħat lill-abbonati kollha;
- Sehem fi proġett internazzjonali li sar b'fondi Ewropej imsejjaħ PEPPI: 'Project for the Provision of a European Platform for the Prevention of Over-indebtedness by the Increase of Accessibility and the Improvement of Effectiveness of Debt Advice'. Apparti laqgħat interni u mal-membri, saru wkoll webinars għall-imsieħba Maltin b'temi marbuta mad-dejn kif ukoll ġew disseminati inviti biex il-pubbliku u l-imsieħba interessati jipparteċipaw f'webinars

internazzjonali b'temi marbuta mas-suġġett. Il-konferenza annwali tal-ECDN saret Malta fit-23 ta' Marzu u ġiet inawgurata mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Fit-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru ĠEMMA ħadet sehem fil-konferenza u workshop għall-għeluq tal-proġett PEPPI fi Brussell fejn ġie ppreżentat banner dwar il-ħidma li saret;

- Flimkien mal-fondazzjoni HSBC, f'April 2023 ġie organizzat kwiżż, fejn tqassmu wkoll il-flashcards b'temi ta' ħiliet finanzjarji, għall-istudenti li jinsabu fis-seba' u t-tmien sena tal-iskola. Aktar minn mitt student li jattendu l-iskola ta' San Nikola ipparteċipaw f'dan il-kwiżż;
- Sehem fl-Expo tal-Amministrazzjoni Pubblika fuq l-istand mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fejn qassmu wkoll rigali lill-istudenti li żaru l-Expo. Fl-istess xahar ĠEMMA ipparteċipa permezz ta' sessjoni informattiva waqt l-avveniment għall-impjegati f'Għawdex;
- Fit-28 ta' Ġunju, ĠEMMA vara l-app 'Karus għall-ġenituri u t-tfal'. Din kienet parti minn proġett fejn studenti tat-tielet sena tad-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan l-Università ta' Malta flimkien ma' ĠEMMA joħorġu b'kunċetti għall-app dwar il-ħiliet finanzjarji.

**Sessjonijiet dwar l-infiq, pensjonijiet u irtirar**

Sar webinar dwar l-infiq u l-immaniġġjar tal-flus f'Marzu 2023. Saret ukoll sessjoni mal-impjegati tal-ARMS f'Mejju, kif ukoll webinars dwar l-irtirar, il-pensjoni u l-pensjnijiet privati fi Frar u f'Lulju.

Tkompla x-xogħol fuq l-App 'Retiresmart' u nħareġ demo tal-app li għad trid tiġi aġġornata bil-miżuri ġodda tal-baġit. Matul is-sajf saret riċerka dwar l-attitudnijiet u l-imġiba lejn il-pensjoni tal-irtirar. Din saret permezz ta' focus groups u stħarriġ fost nies ta' etajiet differenti. Min din ir-riċerka ħarġet informazzjoni siewja biex issir iktar ħidma fil-qasam.

**Skola Sajf**

Matul ix-xhur tas-sajf, it-tim ta' ĠEMMA żar 49 ċentru ta' skolsajf, fejn mal-2,500 tifel u tifla tal-età ta' bejn it-8 u 14-il sena, tgħallmu kunċetti tal-immaniġġjar tal-flus u s-sostenibbiltà u ħadu sehem f'kompetizzjoni marbuta ma' dawn il-prinċipji.

**Pubblikazzjoni ta' Kotba u Parteċipazzjoni fil-Fiera tal-Kotba f'Ottubru 2023**

Ġew miktuba żewġ kotba bil-Malti għat-tfal fuq it-tema tal-immaniġġjar tal-flus. *Kejkijiet tal-Karrotti u Fwejjaħ tal-Ward* huwa l-isem tal-ktieb għal tfal ta' bejn il-ħames u t-tmien snin, filwaqt li l-ktieb *Kollox Barra Bebbux* huwa mmirat għal dawk it-tfal bejn id-disgħa u l-ħdax-il sena. Dawn tqassmu f'57 librerija madwar Malta u Għawdex. Sabiex jintlaħqu aktar tfal dawn se jkomplu jitqassmu f'aktar skejjel u anke waqt attivitajiet oħra fosthom dawk organizzati mit-Taskforce tat-Trobbija Pożittiva.

ĠEMMA ppreżentat stand waqt il-fiera fejn ġew varati l-kotba għat-tfal kif ukoll saru sessjonijiet tal-qari għat-tfal, attivitajiet u diskussjonijiet dwar temi ta' bbaġitjar u mmaniġjar tal-flus. Il-qligħ kollu li sar mill-bejgħ ta' dawn kotba waqt il-fiera ngħataw donazzjoni lil Puttinu Cares.

**Taħriġ għall-Intrapriżi Medji u Żgħar u Inizjattivi Oħra**

Flimkien mal-Malta Tax and Customs Administration', l-HSBC Foundation u Ernst & Young, f'Ottubru u Novembru ġie organizzat taħriġ online mmirat lejn sidien ta' intrapriżi żgħar u medji (SME Training-Business Masterclass) kif ukoll għal dawk li jixtiequ jsiru jafu x'jirrikjedi biex wieħed jaħdem għal rasu.

F'Ottubru ĠEMMA ġie mistieden jipparteċipa bħala facilitator biex ilaqqa' parteċipanti f'inizjattivi u proġetti tal-komunità f'Malta ma' dik tal-Money Advice and Budgetting Service f'Dublin.

Fi żmien il-Milied saret kampanja informattiva fuq Facebook dwar ix-xiri relatat mal-Milied, kif ukoll sar il-bejgħ tal-kotba tat-tfal ippubblikati minn ĠEMMA b'risq Puttinu Cares waqt il-fiera tal-Milied li ssir fil-bitħa tal-Ministeru.

## UNITÀ GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-INFORMAZZJONI

Riżorsa importanti fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal (MSPC) hija l-użu tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u Komunikazzjoni (ICT). L-attenzjoni primarja hija fil-mod ta' kif il-Ministeru juża t-teknoloġija b'mod effettiv sabiex jilħaq l-objettivi tiegħu. Il-mod tajjeb ta' kif wieħed iħaddem l-ICT u jinvesti b'mod xieraq f'dan il-qasam, jipprovdi l-MSPC bl-opportunità li jittrasforma l-mod ta' kif isiru l-proċeduri u prattiki ta' xogħol. Għalhekk, l-għan primarju tal-Unità għall-Immaniġġjar tal-Informazzjoni (IMU) huwa t-trasformazzjoni diġitali bħala imperattiv strateġiku. Permezz tat-trasformazzjoni diġitali, l-IMU jaħdem fuq proċessi ta' disinni mill-ġdid, joħloq modi ġodda ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati, u joħroġ forom ġodda ta' komunikazzjonijiet maċ-ċittadini li qed isiru aktar infurmati u kontinwament jitolbu għal aktar effiċjenza u trasparenza.

**Pjan Strateġiku għat-Trasformazzjoni Diġitali**

Il-modernizzazzjoni tas-sistemi tippermetti kordinazzjoni interministerjali akbar sabiex tiffaċilita u tinforma dwar deċiżjonijiet aħjar fuq proċessi u programmi. Il-Ministeru qed jikkontribwixxi għall-kisba tal-Prinċipju ta' Darba Waħda Biss permezz ta' sistemi li jikkomunikaw ma' dawk tad-Dħul Intern, JobsPlus u oħrajn. Il-proġetti qed jitwettqu b'tali mod li l-klijenti, direttament jew permezz ta' rappreżentant professjonali, jirreġistraw u jaqsmu data għal servizz aħjar u aktar personalizzat. Is-servizzi qed ikunu fuq bażi ta' self-service jew awtomatiċi.

It-tiġdid huwa kruċjali hekk kif il-mod ta' kif jitwasslu s-servizzi lill-klijenti se jkompli jinbidel biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija għas-Servizz Pubbliku (2022-2026) bit-tema Lejn Servizz ta'

Eċċellenza. Din l-istrateġija hija bbażata fuq tliet pilastri: in-Nies, it-Teknoloġija, u s-Servizz bi tliet prinċipji – il-Kwalità, il-Kontabbiltà u s-Sostenibbiltà, li dawn huma t-tliet prinċipji li fuqhom huma bbażat kull proġett.

L-għoti tas-servizz, kif ukoll in-nies li jipprovduh, jeħtieġu t-teknoloġija u l-applikazzjoni tagħha. Ħafna mill-klijenti llum il-ġurnata jagħmlu użu mis-servizzi pprovduti online. Sabiex titwassal esperjenza pożittiva lill-klijent u jintlaħqu l-aspettattivi tal-klijenti, is-servizzi tagħna nbidlu matul dawn l-aħħar snin.

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet speċifċi tal-MSPC, ġie abbozzat Blueprint tat-Teknoloġija. Dan il-Blueprint tat-Teknoloġija huwa mibni fuq żewġ pilastri ewlenin u ugwalment important: i) teknoloġija, u ii) appoġġ. Kull pilastru jikkonsisti f'numru ta' għanijiet strateġiċi li jirriflettu l-għanijiet mixtieqa li jridu jintlaħqu mill-Ministeru. Dawn it-tnax l-għanijiet strateġiċi li jikkonsistu fi tmien taħt il-pilastru tat-teknoloġija, u erba' taħt il-pilastru ta' appoġġ.

**Sapport Tekniku u Amministrattiv**

L-IMU joffri l-ewwel linja ta' sapport għal servizzi tal-ICT lill-ħaddiema kollha fi ħdan il-portafoll tal-Ministeru. L-iskop hu li jipprovdi helpdesk tal-ICT sabiex jilqa' u jidentifika mistoqsijiet u talbiet mibgħuta mid-dipartimenti.

Barra minn hekk, ix-xiri tat-tagħmir tal-ICT għad-dipartimenti jiġi effettwat ċentralment mill-IMU. Dan il-mekkaniżmu jiżgura aktar kontroll fuq in-nefqa tal-ICT filwaqt li jippermetti lill-IMU jiżgura li l-bejjiegħa jfornu servizzi u prodotti skont l-ispeċifikazzjonijiet, jonoraw kuntratti ta' servizz, u/jew obbligazzjonijiet kuntrattwali.

L-IMU huwa involut ukoll fl-immaniġġjar tan-negozji li jfornu l-apparat u l-kordinazzjoni ta' tiswijiet fuq apparat elettroniku li jitwettaq min-negozji oħrajn. L-IMU jipprepara l-apparat għall-ġbir min-negozji, iżomm rendikont tiegħu u jiżgura li l-apparat huwa msewwi kif suppost u rritornat lill-utent/i.

Barra minn hekk, sabiex jirrispondi għad-dipendenza kontinwa fuq l-ICT, wieħed għandu jipprovdi u jmantni servizz ta' operazzjoni reżiljenti u affidabbli skont l-objettivi tal-organizzazzjoni. Il-prijorità ewlenija hija għalhekk li jiġi żgurat li l-investiment tal-MSPC fuq soluzzjonijiet tal-ICT huwa protett b'mod xieraq. Dan isir permezz ta' oqsma kuntrattwali li bħalissa huma attwali. Dan jiggarantixxi illi l-provvista tas-servizz u tas-sapport miftiehem jiġu provduti b'mod sigur, effiċjenti u bl-inqas spejjeż.

Kuntrattwali ta' akkwist jkopru cirku sħiħ tas-servizzi tal-ICT inklużi l-immaniġġjar tan-network, is-sapport tad-desktop kif ukoll sapport u żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni. Meta wieħed jieħu kemm

jista' min-negozji magħżula li jipprovdu servizz u mill-użu effettiv tat-teknoloġija, allura l-effiċjenza tiżdied u l-ispejjeż jonqsu, u b'hekk jinħolqu soluzzjonijiet li jipprovdu l-aqwa valur għall-flus għal tul taż-żmien. Il-formolazzjoni ta' numru ta' kuntratti ta' manutenzjoni u sapport relatati ma' ħardware u/jew sistemi ta' informazzjoni li huma implimentati fi ħdan il-Ministeru jew id-dipartimenti tiegħu, jaqgħu wkoll fil-kompetenza tal-IMU.

**Governanza dwar l-ICT**

Il-Governanza dwar l-ICT hija funzjoni kontinwa integrata fl-operazzjonijiet kollha tal-Ministeru. Fl-esekuzzjoni tal-Governanza dwar l-ICT, l-IMU jipprovdi tmexxija u kontroll permezz tar-regolamenti u proċeduri neċessarji. Fost dawn ir-regolamenti, wieħed isib it-tnedija ta' Qafas tal-Governanza dwar l-ICT kif jigu applikti u l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni madwar l-MSPC, li tikkonsisti f'numru ta' Regolamenti tal-Gvern dwar l-ICT. L-IMU, permezz tal-Governanza dwar l-ICT ifittex li jipprovdi lid-dipartimenti fi ħdan l-MSPC b'direzzjoni sabiex dawn jimplimentaw il-governanza dwar l-ICT fl-isferi ta' kontabbiltà u responsabbiltà tagħhom.

**Servizzi Online u Sistemi ta' Informazzjoni**

Il-Ministeru kompla bil-programm ta' ħidma biex jespandi is-servizzi u jtejjeb il-firxa tas-servizzi online permezz tal-mySocialSecurity li huma aċċessibbli f'kull ħin u kullimkien permezz ta' apparat elettroniku, kif ukoll huwa faċli sabiex jintuża. Id-diġitizzazzjoni għandha titqies bħala l-għażla awtomatika biex tuża is-servizzi. Utenti ta' dawn is-servizzi jistgħu jibbenefikaw minn self-service.

Barra minn hekk, l-impenn tal-IMU huwa li jipprovdi informazzjoni lill-pubbliku. Permezz tas-siti elettroniċi tal-Ministeru, ikun żgurat li l-pubbliku jiġi provdut b'informazzjoni li hija miżmuma tajjeb, aġġornata u ta' standard għoli fi kwalunkwe ħin. Kompitu li għaddej kontinwu, huwa li l-IMU jfittex li jidentifika, itejjeb u jestendi komponenti ta' siti eżistenti, jew ifittex oqsma tan-negozju speċifiċi sabiex joffri servizzi ġodda permezz tas-sit elettroniku.

Proġetti ta' importanza li saru jew beda x-xogħol fuqhom huma:

- Diġitalizzazzjoni taċ-Ċertifikat Mediku Blu – Tnediet formola online bħala l-ewwel fażi ta' dan il-proġett bl-użu tal-Pjattaforma tas-Soluzzjoni tal-Awtomazzjoni tal-Fluss tax-Xogħol tal-Gvern (WAS) li tippermetti li tinġabar l-informazzjoni taċ-ċertifikati b'mod diġitali.

- Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet MARAM – Beda x-xogħol sabiex tiġi żviluppata Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet (CMS) li se tipprovdi lil MARAM (Laqgħa ta' Valutazzjoni tar-Riskju Multi-aġenzija) biex tiffaċilita, issegwi, u tevalwa l-kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni bejn l-entitajiet, u biex tippermetti li jittieħdu azzjonijiet xierqa lejn it-tnaqqis tal-ħsara u r-riskju għall-vittmi tal-vjolenza domestika u biex tiżdied is-sikurezza pubblika.

- Uffiċċji Ġodda tad-DSS f'Għawdex – Ġie implimentat Network, WiFi u sistema ġdida ta' telefonija għall-back-office tad-DSS f'Għawdex fil-proċess tar-rilokazzjoni fl-uffiċċji l-ġodda.

- Diġitalizzazzjoni tal-Applikazzjoni tal-Pensjonijiet tas-Servizz – Inbeda x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-applikazzjoni online żviluppata bl-użu tal-Pjattaforma tas-Soluzzjoni tal-Awtomazzjoni tal-Fluss tax-Xogħol tal-Gvern (WAS) li se tkun pilotata fl-ewwel kwart tat-2024.

- Aġġornament tan-Network ta' Palazzo Ferreria – L-installazzjoni ta' infrastruttura ġdida tal-WiFi u t-titjib tal-Kabinetti tan-Network twettqu b'suċċess, u ppermettew konnettività tal-WiFi affidabbli fiż-żoni magħżula.

- Diġitalizzazzjoni tar-Reġistrazzjoni għal Warrant ta' Counsellor – Bl-użu tal-Pjattaforma tas-Soluzzjoni tal-Awtomazzjoni tal-Fluss tax-Xogħol tal-Gvern (WAS), ġiet żviluppata formola online li tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni tal-Applikazzjoni tar-Reġistrazzjoni għal Warrant ta' Counsellor. Dan il-proċess mhux biss jiżgura ambjent mingħajr karti iżda jippermetti wkoll lill-applikanti jagħmlu ħlasijiet online għall-miżata tal-applikazzjoni.

- Diġitalizzazzjoni tar-Reġistrazzjoni għal Warrant ta' Psikoterapista – Bl-użu tal-Pjattaforma tas-Soluzzjoni tal-Awtomazzjoni tal-Fluss tax-Xogħol tal-Gvern (WAS), ġiet żviluppata formola online li tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni tal-Applikazzjoni tar-Reġistrazzjoni għal Warrant ta' Psikoterapista. Dan il-proċess jiżgura ambjent mingħajr karti.

- Ċertifikat ta' Benefiċċju – Benefiċjarji Barranin – Iċ-Ċertifikat ta' Benefiċċju għall-Benefiċjarji Barranin huwa servizz online, li jippermetti li persuna tiġġenera ċertifikat ta' rata ta' benefiċċju għal dawk il-benefiċjarji tas-sigurtà soċjali li jirċievu pensjoni tal-irtirar, pensjoni tal-invalidità, jew pensjoni tar-romol mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta' Malta u bħalissa toqgħod u titħallas barra.

- Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali – Ħidma fl-UE – Għodda ta' awtovalutazzjoni – tnediet għodda ta' awtozalutazzjoni mfassla biex tilqa' għall-ħtiġiet ta' min iħaddem u individwi li jaħdmu għal rashom li joperaw bejn il-fruntieri fi ħdan l-Unjoni Ewropea (UE). Din l-għodda tipprovdi assistenza biex jiġi ddeterminat jekk il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandhomx jitħallsu f'Malta meta jaħdmu f'sitwazzjoni transkonfinali bejn il-pajjiżi tal-UE.

- Diġitalizzazzjoni tar-Reġistrazzjoni għal Warrant ta' Ħaddiem Soċjali – Bl-użu tal-Pjattaforma tas-Soluzzjoni tal-Awtomazzjoni tal-Fluss tax-Xogħol tal-Gvern (WAS), ġiet żviluppata

formola online li tiffaċilita d-diġitalizzazzjoni tal-Applikazzjoni tar-Reġistrazzjoni għal Warrant ta' Ħaddiem Soċjali. Dan il-proċess mhux biss jiżgura ambjent mingħajr karti iżda jippermetti wkoll lill-applikanti jagħmlu ħlasijiet online għall-miżata tal-applikazzjoni.

- Tkompla x-xogħol biex aktar minn sebgħin applikazzjoni tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali jiġu aġġornati u żviluppati permezz tal-Pjattaforma tas-Soluzzjoni tal-Awtomazzjoni tal-Fluss tax-Xogħol tal-Gvern (WAS) biex tkun ipprovduta esperjenza aħjar għall-utenti.

- Proġett ieħor huwa l-immodernizzar tas-Sistema tal-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (SABS). L-għan ta' dan il-proġett huwa doppju, jiġifieri li jkun hemm aġġornament teknoloġiku ta' dan il-programm, u li l-benefiċċji jiġu proċessati b'effiċjenza kif ukoll li jissimplifikaw il-proċessi tan-negozju. Il-modernizzazzjoni tas-sistema qed titwettaq fuq medda ta' numru ta' snin.

Bħalma jiġri kull sena, saret ħidma biex jiġu implimentati l-miżuri tal-baġit relatati mal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali li saru flimkien mat-tim tas-Sigurtà Soċjali fi ħdan il-MITA, l-Aġenzija Maltija għat-Teknoloġija tal-Informatika.